# DAWL FRANĠISKAN

LEĦEN IL-KAPUĊĊINI MALTIN



MEJJU 2004 • L-24 SENA • GĦADD 240 • NEWSPAPER POST

# DAWL FRANĠISKAN

**MEJJU 2004**
**L-24 sena • Għadd 240**




**Qoxra 1:**
***Il-qoxra turi affresk li jirrapreżenta lil Marija flimkien ma' Binha Ġesù u San Franġisk. Dan l-affresk jinsab fil-Bażilika Inferjuri ta' Assisi li tidher fuq l-isfond.***


**BORD EDITORJALI:**
Joe Alessandro ofm cap (Direttur u Editur)
Frans Abela Giusti OFMCap
Wistin Attard OFMCap
Martin Micallef OFMCap
Dorian Holland OFS
Robbie Mamo
Fabian Marston GiFra



**DIREZZJONI U AMMINISTRAZZJONI**
Kunvent tal-Kapuċċini,
Floriana - VLT 14
Tel. 21 233874/21 225525/21 234949
e-mail: ofmcap@keyworld.net

**DISINN U LAYOUT:**
IMAGE 2000 LTD, ГGURA - 21 677577
**MITBUGĦ:**
P.E.G. Ltd., San Ġwann. - 21 440083



Kull korrispondenza, artikli, kitbiet u ittri biex jidhru fid-DAWL FRANĠISKAN għandhom jiġu indirizzati lill-Editur. Id-Direzzjoni tirriserva d-dritt li tippubblika fid-DAWL FRANĠISKAN dawk l-artikli, ittri jew tagħrif ieħor li jidhrilha li jkunu jaqblu max-xejra tar-rivista.

© Dawl Franġiskan 2004
Publikazzjoni Franġiskani Kapuċċini














# Werrej


3 **L-Għarusa ta' l-Ispirtu s-Santu**
*minn Fr. Joe Alessandro OFMCap*

4 **Esdra: Mexxej ideali**
*minn Mons Lawrenz Sciberras*

6 **Teleskopju fuq il-Ħajja**
*minn P. William Axiaq OFMCap*

8 **Knisja ġdida fil-Missjoni**

9 **"Kont għeri u libbistuni ..."**
*minn P. Spiro Galea OFMCap*

10 **Appell**

11 **Kopja fidila u oriġinali (2)**
*minn P. Frans Abela OFMCap*

12 **Żewġt Aħwa għamluha!**
*minn P. Joe Giuliano OFMCap*

14 **Ma' l-imgħaddab li jsofri**
*minn P. Joe Calleja OFMCap*

15 **Nitkellmu ma' P. Teodosju Meli**
*minn Br Andrè Azzopardi OFMCap*

16 **Il-Qima lejn San Franġsisk t'Assisi fil-Knejjes Maltin (15)**
*minn Br Andrè Azzopardi OFMCap*

18 **Tweġiba**
*minn P. William Axiaq OFMCap*

19 **"Il-Preżenza Soċjali tal-Knisja" (3)**
*minn P. Philip Cutajar OFMCap*

21 **Il-paċi tibda minnek**
*minn Marjoe Callus Gi.Fra.*

22 **Iżmir: L-isbaħ belt ta' l-Asja ż-Żgħira**
*minn P. Joe Buttigieg OFMCap*

24 **Lejn Alla bl-Isport (4)**
*minn Joe Attard*

25 **Lotterija**

26 **Aħbarijiet**

28 **Tħallix għal għada**
*minn Jeanette Falzon*

30 **Tisliba u Rokna għat-Tfal**
*minn P. Wistin Attard OFMCap*

31 **Il-41 Jum Dinji ta' Vokazzjonijiet**
*messaġġ tal-Papa Ġwanni Pawlu II*

32 **Borża ta' Studju: Għajnuna lill-Kapuċċini fil-Kenja**

P. Joe Alessandro OFMCap

# L-Għarusa ta' l-Ispirtu s-Santu

Ix-xahar ta' Mejju, għal ħafna minna, huwa l-isbaħ xahar tas-sena. Dan jista' jkun minħabba diversi raġunijiet, fosthom għax ir-rebbiegħa tkun għadha fil-bidu tagħha, in-natura terġa' tibda tieħu l-ħajja, il-klima tibda tisħon ftit ftit, il-jum ikun aktar imdawwal, u wkoll għax huwa marbut ħafna mal-figura ta' Marija. Mejju huwa x-xahar tal-Madonna li quddiemha t-tfal iqiegħdu l-ewwel fjuri ta' l-istaġun, kif ukoll xi familji jħossu li għandhom jersqu aktar lejha permezz tat-talba tar-rużarju.

Marija għandha ħafna x'tgħallimna fil-ħajja tagħna u l-aktar f'affarijiet u f'ċirkustanzi l-aktar ordinarji li niltaqgħu magħhom u ngħixuhom ta' kuljum. Is-sempliċità li biha u fiha għexet Marija għandha tgħinna biex ma nikkomplikawx iżżejjed il-ħajja iżda nagħrfu napprezzaw dak kollu li għandna, ukoll l-affarijiet żgħar li jiffurmaw il-parti l-kbira tal-istorja ta' ħajjitna.

San Franġisk ta' Assisi, li anki hu kien bniedem sempliċi, li għaraf japprezza l-aktar ħwejjeġ żgħar u umli fil-ħajja, kellu qima u rispett kbir lejn Marija. Waħda mit-talbiet li kkompona u li kien jirripetiha ta' spiss kienet talba li fiha jfaħħar lix-xebba Marija b'diversi titli, fosthom dak ta' GĦARUSA TA' L-ISPIRTU S-SANTU: "Qaddisa Xebba Marija, qatt ma twieldet oħra bħalek fost in-nisa, bint u qaddejja tas-Sultan l-Aktar Għoli u tal-Missier tas-Sema, Omm il-Mulej tagħna, il-wisq qaddis Ġesù Kristu, u għarusa ta' l-Ispirtu s-Santu. Itlob għalina ..."

Ix-xahar ta' Mejju ta' din is-sena jgħinna norbtu l-persuna ta' Marija mal-persuna ta' l-Ispirtu s-Santu peress li fit-30 ta' dan ix-xahar il-Knisja tkun qed tiċċelebra b'mod solenni l-festa ta' Għid il-Ħamis, jew kif nafuha wkoll bħala l-festa ta' Pentekoste, meta l-Ispirtu s-Santu niżel fuq l-Appostli. Nafu mill-Kotba Mqaddsa (Atti 1, 14) li Marija kienet flimkien ma' l-Appostli jistennew l-Ispirtu s-Santu. San Luqa jgħidilna wkoll li l-Ispirtu s-Santu kien diġà niżel fuqha meta l-anġlu Gabrijel ħabbrilha li kellha ssir omm l-Iben ta' Alla bil-qawwa ta' dan l-istess Spirtu.

Aħna, int u jien, għandna wkoll rabta ma' dawn iż-żewġ persuni: l-Ispirtu s-Santu niżel fuqna fil-magħmudija u kkonfermana fil-griżma ta' l-isqof, u Marija ġiet mogħtija lilna bħala ommna minn binha stess qabel ma miet. Jalla dan ix-xahar ta' Mejju jgħinna niskopru dawn iż-żewġ rigali kbar fil-ħajja tagħna: l-Ispirtu s-Santu u Marija. ❑



*Mons Lawrenz Scibberas*

# Eżdra mexxej ideali

***Iż-żmien li matulu jdur il-bini modest tat-Tieni Tempju huwa wieħed tassew dokumentat. U dan għaliex hemm diversi kotba li jitkellmu dwar dan, fosthom dawk ta' Eżdra u Nehemija, kif ukoll tal-profeti Ħaggaj, Żakkarija u Malakija. Dawn il-profeti jiġu kklasifikati bħala dawk ta' wara l-eżilju. F'dan it-tagħrif bibliku hemm stampa ċara dwar iż-żmien storiku u ambjentali ta' dan il-poplu, tagħrif dettaljat kemm dan il-poplu bata u kellu jissara biex jibni maqdes modest ħafna.***

***Il-kelma Eżdra tfisser Alla hu għajnuna. U isem dan il-personaġġ providenzjali għal-Lhud ta' żmien l-eżilju jidher għal 29 darba biss u l-aktar fil-ktieb li jġib ismu stess.***



## Bniedem ta' ħila

Eżdra huwa bniedem li beda l-ħidma tiegħu ta' mexxej f'pajjiżu u spiċċaha f'pajjiż ieħor. Għaliex dan beda jħeġġeġ u jgħallem in-nies Lhud meta dawn kienu għadhom fl-eżilju u kien hu li mexa magħhom u daħħalhom mill-ġdid fl-art ta' Iżrael. Dan il-moviment beda hekk kif Ċiru, sultan tal-Persja, ta l-permess biex dawk kollha li jixtiequ jirritornaw lejn art twelidhom dan jistgħu jagħmluh bil-libertà kollha.

L-ewwel grupp ta' nies li b'mod l-aktar spontanju telqu minn Babel lejn l-Art Imqaddsa kienu mmexxija minn Sesbassar, Ġoswè, il-qassis il-kbir, u Żerobabel, iben Salatjel. F'din l-ewwel ġemgħa hemm ħafna dettalji mniżżla, saħansitra kemm ħarġu bhejjem u oġġetti tad-deheb magħhom (Eżd 2, 66-67). Bosta minn dawk il-Lhud seta' kellhom rabtiet speċifiċi ma' l-art. Imma l-problemi biex wieħed jagħżel liema kienet kif ukoll fejn kienet dik il-biċa art li kull wieħed seta' kellu, kienu kbar tassew. Ma' dawn wieħed għandu jżid dejjem il-problemi ta' faqar u t-tbatija li għaddew minnha l-Lhud biex waslu sa hemm.

Fattur ieħor li qala' bosta problemi kien ġej minħabba l-bosta liġijiet li l-gvern ċentrali tal-Pesja kien ta' sikwit ibiddel. Ir-rakkonti bibliċi jsaħħu sewwa din il-ħaġa. Fost dawn kien hemm dik dwar il bini mill ġdid tat Tempju. Jinbena jew ma jinbeniex dan il-maqdes? Kien għad fadal bżonnu jew le issa li draw jgħixu mingħajru fl-eżilju? Kien għalhekk li l-profeti ta' wara Ħaggaj, Żakkarija u Malakija fil-kitbiet tagħhom urew instabilità l-aktar kbira.

Qalb dan il-qtigħ ta' qalb kbir li ħakem fuq l-emigranti ġodda jidher il-mexxej Eżdra, amministratur ta' ħila l-aktar kbira. Dan, meta wasal Iżrael, kellu f'idejh numru konsiderevoli ta' setgħat mingħand is-sultan tal-Persja. Barra minn dawn huwa kellu wkoll bosta għajnuniet oħra politiċi. Imma d-diffikultajiet li kellu jħabbat wiċċu

maghħom dan Eżdra kienu bil-bosta kbar. Imma d-dokumenti ffirmati li kellu f'idejh dan Eżdra tawh is-setgħa li jista' jerġa' jibda jirrestawra t-Tempju mill-ġdid. Kellu f'idejh ukoll diversi għajnuniet ekonomiċi kif ukoll oħrajn ta' ċerta setgħa, bħalma kienu kastigi ta' ħabs, swat u, l-aktar iebes, dak tal-mewt. Imma Eżdra qatt ma għamel użu minn dawn is-setgħat, pjuttost għażel it-triq tal-persważjoni; kien diplomatiku kbir ħafna. Kien jafda ħafna fuq il-persuna u l-irġulija tagħha. Hawn immela dehret it-tmexxija ta' dan Eżdra kemm kienet waħda għaqlija u li ħalliet il-frott.

Biex wasal għal din it-tmexxija Eżdra kellu bosta kwalitajiet pożittivi, fosthom dik ta' umiltà u ta' ċaħda kbira fuqu nnifsu (Eżd 7, 10-15; 10, 6). Kien ukoll bniedem imħarreġ sewwa fil-Liġi ta' Alla. Hawn ta' min ifakkar li meta l-Lhud kienu fl-Eżilju huma ma kellhomx sagrifiċċji għaliex kienu 'l bogħod mit-Tempju; għalhekk qalbu biex jistudjaw, jikkupjaw u jinterpretaw il-liġi tagħhom. U Eżdra kien wieħed minn dawn it-talin. Huwa "ingħata minn qalbu għall-istudju tal-Liġi tal-Mulej" (Eżd 7, 10).

F'din il-liġi Eżdra u sħabu għarfu sew li l-Mulej kien qed ikellimhom u kien qiegħed fosthom fil-kelma tiegħu. Għalhekk imbagħad bdew ukoll jinbnew l-ewwel sistemi sinagogali fejn Eżdra flimkien mal-profeta l-ieħor ta' l-Eżilju Eżekjel tant ħadmu biex idaħħlu din l-idea tant sabiħa fil-qalb u l-moħħ tal-poplu. Snin wara dak li nbeda fl-eżilju kellu jsir għaqda għalih, jiġifieri dik ta' l-iskriba.

Eżdra kien igawdi fiduċja għamja mis-sultan tal-Persja. U dan huwa tassew sinjal sabiħ ieħor fil-karattru ta' dan l-iskriba u mexxej. Hekk ordna Ċiru, li kull min xtaq jirritorna Ġerusalemm flimkien ma' Eżdra, dan seta' jagħmlu mingħajr ebda tfixkil minn ħadd (Eżd 7, 13). Eżdra, matul iż-żmien fl-eżilju, wera li huwa kien responsabbli minn kull forma ta' tmexxija li wieħed kien jafdalu f'idejh.



*Eżdra iħeġġeġ lill-poplu biex idur mill-ġdid lejn Alla.*

Mill-ktieb li jġib isem Eżdra wieħed jasal biex jikkonkludi bosta tagħlim adattat ukoll għal żminijietna. Hekk Eżdra kien jaf tajjeb li mhux l-estern huwa li jogħġob lil Alla daqskemm l-intenzjoni tal-ħaġa. U huwa preċiżament dan li Alla jieħu pjaċir bil-ħaġa. Dan il-mexxej providenzjali, Eżdra, għallem u pprattika wkoll dwar il-qawwa li għandu t-talb magħmul dejjem skond ir-rieda ta' Alla. Il-kapitlu disgħa jurina kemm dan hu tassew veru u minnu. "Alla tiegħi, jien inħossni nistħi u wiċċi ma jagħtinix li nerfa' ħarsti lejk, Alla tiegħi."

Fl-aħħar Eżdra jgħallem ukoll dwar il-ħtieġa tal-ħarsien ta' jum is-Sibt. Kien il-ħarsien ta' dan il-jum li żamm sħiħ u magħqud il-poplu magħżul ta' Iżrael.

P. William Axiaq OFMCap



# Teleskopju fuq il-ħajja

***Il-ħajja tkompli tisfidana biex inkomplu nirriflettu fuq dak li qed jiġri fiha bla waqfien. Se nieqfu fuq tliet ħsibijiet li lkoll kemm aħna ġieli tajna kashom. Dak li se nagħmlu hu biss li nlibbsuhom il-kliem. Meta nagħmlu hekk, il-ħsieb jippenetra iżjed ġewwa fina u jġagħalna nirrealizzaw iżjed dak li jkun qed jiġri madwarna.***

## 1 TQARBIN JEW BLIGĦ TA' OSTJA?

Il-fidi tagħna fl-Ewkaristija nuruha liturġikament, sagramentalment u paraliturġikament. L-ewkaristija qabel xejn niċċelebrawha matul il-quddiesa; nirċevuha fina fit-tqarbin u nqimuha preżenti fit-tabernakli, f'ħinijiet lil hinn mill-quddiesa.

Meta nersqu nirċievu l-ostja mingħajr ħin ta' ġabra u talb, inkunu qegħdin nitilfu ħafna ġid spiritwali. Ma nkunux qed inħallu lil Kristu jkellimna waqt li jkun daqshekk intimu għalina, biex imbagħad inkellmuh aħna u jagħtina l-ispirtu qaddis tiegħu. Hugh ta' San Vitor kien stqarr: "Kristu mgħandux jibqa' fl-istonku tiegħek imma fl-ispirtu tiegħek".

Jekk ma nagħmlux ħin ta' ringrazzjament wara t-tqarbin, il-kuntatt sagramentali tagħna ma' Ġesù ma jkunx tqarbin fil-proprju sens tal-kelma imma biss bligħ ta' ostja, u xejn iżjed. It-teologu Svizzeru, Hans Urs Von Balthasar kien kiteb u qal: "Min jista' jirrealizza tassew it-tifsira tat-tqarbina mqaddsa, billi sempliċement jibla' l-ostja?" Ir-relazzjoni personali ma' Kristu hija l-bidu u t-tmien ta' ħajjitna bħala nsara. L-Ewkaristija timmira għal din ir-relazzjoni essenzjali. F'Malta u Għawdex, ħafna nies jersqu jirċievu l-ostja kkonsagrata fil-knejjes, fid-djar, fl-isptarijiet u fid-djar ta' l-anzjani. Xi wħud jagħmlu hekk darbtejn kuljum. Ħafna minn dawn l-insara jagħmlu hekk daqslikieku resqu fuq il-mejda ta' l-ikel u kielu jew belgħu xi ħaġa, u daqshekk. L-Ewkaristija ma tħalli ebda effett fihom għaliex wara li jirċevuha, jew joħorġu dritt mill-knisja, jew joqogħdu jpaċpcu ma' ta' ħdejhom malli jerġgħu lura mill-mejda tat-tqarbin, jew inkella jaqbdu jieklu xi ħaġa jekk ikunu qed jgħixu f'xi mkien ta' kura. Dan ma jissejjaħx tqarbin imma bligħ ta' ostja. Bit-tqarbin kollu li jsir kuljum, iżjed u iżjed nhar ta' Ħadd, Malta u Għawdex imisshom ikunu ġenna ta' l-art u mhux kif inhuma fil-preżent!

San Ġwann Marija Vianney (1786-1859), patrun tal-kappillani, kien iħobb jgħid li tqarbina waħda hija biżżejjed biex tagħmilna qaddisin. Fid-diskors fuq il-wegħda ta' l-Ewkaristija, Ġesù jgħid ċar u tond: "Bħalma bagħatni Missieri, li hu ħaj, u jiena ngħix f'Missieri, hekk ukoll min jiekol lili wkoll jgħix bija" (Ġw 6, 57). It-tqarbina, biex iġġib dan kollu fina, titlob minna ħin ta' tratteniment mal-Mulej li jkun ta lilu nnifsu kollu kemm hu lilna u jistenna li aħna nagħmlu l-istess miegħu.

***Mulej Ġesù, għallimni ngħożż il-ħin ta' wara t-tqarbin, għax huwa imprezzabbli biex nikber f'imħabbti lejk.***



## 2 ANOMALIJI TA' ĊERTI NSARA

Ċerti affarijiet meta tħares lejhom b'mod superfiċjali jdaħħquk. Meta tibda tgħarbilhom profondament u bis-serjetà s-sitwazzjoni tinqaleb u tibda tinduna kemm kont iblaħ meta kont tidħaq fuqhom, meta fil-verità għandek għax tibki, anzi tolfoq!

Ħa nġib ftit eżempji. Hawn xi wħud li tant huma attenti fuq il-*figure* tagħhom li anqas karawetta ma jazzardaw li jieklu u jekk jiġi li jeħudha wara tgħidx x'qorti jagħmlu u kemm jeħduha kontra tagħhom infushom. Hawn nisa tad-dar li tgħidx kemm huma fitti fuq l-indafa. Xi wħud minnhom jippreferu ma joħorġux, biex joqogħdu jnaddfu. Issib oħrajn imbagħad li l-iċken ħoss fil-karozza jagħtihom fastidju u jtellifhom il-paċi u jkunu fuq ix-xwiek biex imorru malajr għand il-*mechanic*, biex jaraw mnejn ikun ġej dak il-ħoss. Oħrajn jagħmlu plejtu jekk iħarsu lejn il-mera u jindunaw li għandhom xagħra waħda bajda. Oħrajn tgħidx kemm imorru jiġru għand it-tabib jew speċjalista malli jħossu l-iċken uġigħ.



Ser nistaqsi mingħajr ma nkun qed ninkludi lil kulħadd fid-domanda tiegħi: "Il-persuni li qed nitkellem minnhom f'din ir-riflessjoni kemm jagħmlu paniku fuq ċerti difetti u dnubiet li jikkommettu, meta bihom mhux id-dehra fiżika tagħhom tidher sfigurata imma ruħhom? Ċerti nisa tal-familja kemm jeħduha bi kbira meta ruħhom ma tkunx pulita biżżejjed moralment? Ċerti proprjetarji ta' karozzi kemm jagħtu kas biżżejjed tal-kuxjenza meta tibda ttektkilhom fuq xi nuqqas, abbuż jew dnub partikulari li jkunu qed jagħmlu? Kemm imorru jiġru għand il-konfessur biex jirranġaw il-kontijiet bejnhom u bejn Alla? Oħrajn, kemm imorru jiġru jqerru malli jaqbdu lilhom infushom fi stat ta' dnub mejjet u jkunu qishom fergħa maqtugħa miz-zokk (ara Ġw 15, 6)?

Kemm hawn nies boloh li fuq vanità, indafa domestika, inġenji tas-sewqan u saħħa fiżika tgħidx kemm iħabblu rashom u jinkwetaw, imma fuq il-kundizzjoni ta' ruħhom qisu ma ġara xejn. Kieku jġibu ruħhom bil-maqlub il-ħajja tagħhom tkun mod ieħor u jibdew jgħixu tassew.

***Kristu Feddej, agħmilni iżjed preokkupat fuq il-qagħda spiritwali tiegħi milli fuq kull ħaġa oħra.***

## 3 QAMAR IL-GĦASEL

Xi wħud mill-miżżewġin friski Maltin u Għawdxin inqabdu waħda sew fil-mentalità konsumista ta' żmienna u qed jonfqu ħafna flus bla bżonn wara li tgħidx kemm ikunu ilhom jitħabtu biex jagħmlu sold. Oħrajn imbagħad mhumiex kapaċi jirbħu t-tentazzjoni tal-kompetizzjoni u tal-għira f'konfront mat-tieġ ta' ħuthom jew ta' sħabhom. Dan qed jiġri b'mod partikulari fejn jidħol il-vjaġġ tal-*honey moon*. Tilfu s-sempliċità ta' din ġrajja importanti li tiġi immedjatament wara r-riċeviment tat-tieġ tagħhom. Qegħdin ineżżgħuha mill-qjies. Oħrajn qegħdin joħorġu saqajhom barra mill-friex b'konsegwenza li wara jsibu ruħhom f'ħafna djun bla bżonn. Forsi ċerti miżżewġin friski qed jagħmlu ċerti esaġerazzjonijiet għax xi aġenziji ta' l-ivjaġġar, bil-*marketing* li qed jagħmlu biex ikomplu jagħmlu l-flus, qegħdin jilagħbu wisq fuq dak li hu debboli f'għarajjes li waslu biex jiżżewġu. L-għors tagħhom hu li jwebblu bla heda b'affarijiet ġodda u li jitolbu somom kbar ta' flus.

Xi miżżewġin friski mhumiex jikkuntentaw ruħhom li jmorru *honey moon* f'pajjiż fil-viċin, ngħidu aħna, l-Italja jew l-Ingilterra, ħalli ma tantx jagħmlu spejjeż fil-bidunett taż-żwieġ tagħhom. Issa moħħhom biss biex jimmiraw għall-bogħod, iġifieri f'Orlando jew Miami biex juru li għandhom flus bir-radam. Ara xi spejjeż barra dawk li jkunu diġà għamlu għall-quddiesa tat-tieġ u għar-riċeviment! Nispera li dawk li jkunu qattgħu erbat ijiem vaganzi wara t-tieġ f'pajjiż imbiegħed, iż-żwieġ tagħhom ma jsibx ruħu minn Orlando u Miami għal ġol-qrati Maltin, għax jisfaxxa wara ftit taż-żmien! L-importanti mhux tant kif il-miżżewġin friski ser jorganizzaw il-ġranet immedjati ta' wara t-tieġ u fejn ser jgħadduhom, imma kemm ippreparaw ruħhom matul l-għerusija biex jibqgħu flimkien anki jekk jinqalgħu xi ftit ta' l-intoppi.

***Mulej, ġagħalna nifhmu bħala miżżewġin friski li l-iżjed vjaġġ interessanti li rridu naħsbu għalih m'huwiex tal-honey moon imma tal-mixja taż-żwieġ.***





# Knisja ġdida fil-missjoni

Il-parroċċa ta' Hola fil-Kenja hija parroċċa li tinkludi fiha disa' villaġġi u kważi kull villaġġ għandu l-knisja tiegħu. B'kollox hemm seba' knejjes. F'dawn l-aħħar snin, żewġ qassisin aħwa minn Udine, fl-Italja, Don Franco u Don Dario Molinari bdew iwettqu x-xewqa tal-ġenituri tagħhom mejtin, Maria u Gino, li jibnu knisja f'post fil-missjoni.

Ikkuntattjaw li P. Joe Galea u P. Spiro Galea, wieħed kappillan u l-ieħor is-superjur ta' Hola, u ġie deċiż li din il-knisja tinbena f'Wenje, wieħed mill-villaġġi tal-parroċċa ta' Hola. Fil-fatt, f'Wenje, hekk kif mar P. Joe Galea, tletin sena ilu, sab knisja tat-tajn immejla u qed taqa'. Mill-ewwel ħaseb biex jibni waħda aħjar u kompla waqqa' l-qadima u flokha bena klinika. Iżda maż-żmien anke din il-knisja qdiemet u saret żgħira għan-numru dejjem jikber ta' nsara. Allura din l-għotja hekk ġeneruża waslet f'waqtha biex setgħat tinbena knisja ġdida u ikbar, u l-qadima tibqa' sservi bħala sala parrokkjali għal-laqgħat, *seminars* u tagħlim tal-katekiżmu.

Nhar il-Ħadd, 25 ta' Jannar 2004, kien jum ta' festa għar-raħal ta' Wenje meta l-isqof Mons. Pawlu Darmanin bierek u inawgura din il-knisja l-ġdida. Iċ-ċelebrazzjoni bdiet fuq barra fejn l-isqof, akkumpanjat minn P. Joe Galea u P. Andrea Kokani, it-tnejn Kapuċċini, bierek in-nies u l-knisja minn barra mad-dawra tagħha kollha u mbagħad bdiet il-





*Fir-ritratti ta' fuq nett tidher il-knisja l-ġdida meta ġiet inawgurata.*
*Fin-nofs il-klinika li nbniet flok l-ewwel knisja.*
*Isfel: It-tieni knisja li issa qed isservi bħala sala għal-laqgħat.*

# "Kont għeri u libbistuni ..."

*minn P. Spiro Galea OFMCap*





Fil-parroċċa ta' Hola, minbarra l-knisja ewlenija li tinsab fiċ-ċentru tar-raħal, għandna sebat irħul oħra. F'kull raħal għandna xi tfal li jservu l-altar bħala abbatini. B'kollox dawn ilaħħqu ma' l-erbgħin abbati fil-parroċċa kollha. Matul is-sena jkollhom laqgħat ta' talb, tagħlim u attivitajiet oħra. Huma jagħtu s-servizz liturġiku tagħhom skond kull meta jkun imisshom.

Problema li konna ilna naħsbu fuqha kienet l-ilbies tagħhom għal waqt is-servizz fuq l-altar. Dan minħabba li l-ilbies li kellhom kien magħmul minn drapp oħxon li żgur li mhux adatt għas-sħana qalila li tagħmel hawnhekk. Meta s-sena l-oħra żaruna Br Andrè Azzopardi u Br Antoine Ebejer minn Malta, sabiex dawn ikunu jistgħu jagħmlu esperjenza ta' ħidma fil-missjoni, ħsibna u rajna jekk kienx possibbli li nfasslu libsa ġdida għall-abbatini. Huma ħasbu kif setgħu jinġabru fondi biżżejjed ħalli jkun jista' jinxtara d-drapp meħtieġ biex ikunu jistgħu jsiru dawn l-ilbiesi.

Dan kien l-għan tal-*car wash* li ġie organizzat mill-abbatini tal-Kapuċċini tal-Floriana flimkien mad-direttur tagħhom Br Claudio Falzon u bl-għajnuna tal-ġenituri tagħhom, ta' l-istudenti Kapuċċini flimkien mad-direttur tagħhom, ta' koppji u żgħażagħ Franġiskani u tal-pubbliku li mar u ta s-sehem tiegħu.

Sister Carolina Cassar tal-Kongregazzjoni ta' l-Ulied il-Qalb ta' Ġesù ħadmet ħafna biex dan ikun jista' jseħħ u, b'ġenerożità oħtha offriet li tħithom b'xejn.

Jiena mill-qalb nixtieq irrodd ħajr lil dawk kollha li għamlu dan il-proġett possibbli li jsir u żgur li nwegħdukom it-talb tagħna. Jalla l-Mulej ikompli jkattar u jseddaq l-imħabba tiegħu fikom.

Id-direttur ta' l-abbatini tal-Kapuċċini tal-Floriana, flimkien ma' l-abbatini u l-*helpers* li għenuh fl-attività ta' *fund raising* b'rizq l-abbatini ta' Hola fil-Kenja, jixtieq jirringrazzja lil dawk kollha li taw is-sehem tagħhom. Mill-qligħ li ħalliet din l-attività tħallsu l-ispejjeż kollha li saru għall-ilbiesi ġodda għall-abbatini ta' Hola kif ukoll inbagħtet donazzjoni ta' Lm100 għal ħtiġiet ta' l-istess abbatini.

purċissjoni għal ġol-knisja fejn kompla t-tberik tal-knisja minn ġewwa. Wara li kulħadd sab postu bdiet il-quddiesa mimlija kant ritmiku Afrikan, żfin, purċissjonijiet bil-Kelma ta' Alla, bl-offerti u għal waqt it-tqarbin. Matul il-quddiesa, l-isqof għamel il-grizma ta' l-isqof lil madwar ħamsin ruħ bejn tfal, żgħażagħ u adulti.

Wara li ntemmet il-quddiesa kulħadd ħareġ barra biex jiffesteġġjaw flimkien. Diskorsi ta' l-okkażjoni ma naqsux. Saru ringrazzjamenti liż-żewġ qassisin aħwa Taljani, li ma setgħux ikunu preżenti, kif ukoll lill-għeżież ġenituri tagħhom. Bħala tifkira ta' din l-għotja twaħħlet lapida fil-knisja bl-ismijiet tal-ġenituri mejtin.

Jalla l-fidi ta' dawn ħutna tkompli dejjem tissaħħaħ minkejja d-diffikultajiet li jħabbtu wiċċhom magħhom ta' kuljum. U nitolbu l-Mulej ikun ma' ħutna l-missjunarji u ma' ħutna l-oħra Kapuċċini Kenjani li qed jaħdmu għat-tixrid tal-Evanġelju. ❑



*Fuq: Il-knisja l-ġdida minn ġewwa.*

*Lemin: Il-lapida fil-knisja li tfakkar lill-benefatturi ta' din il-knisja.*





# APPELL

***"Kont bil-ġuħ ... bil-għatx ... għeri ... marid ... u waqftu miegħi"***

## Tfal li qed jistennew qlub tajbin biex jgħinuhom

Il-**Proġett tat-Tfal ta' Hola** qiegħed jipprova jgħin lil ħafna familji biex jgħixu ħajja aħjar u jegħlbu ħafna diffikultajiet. Familji minn Malta qegħdin jagħtu offerta ta' Lm 4 fix-xahar u b'hekk ikunu qegħdin itaffu t-tbatijiet ta' dawn il-familji ġo Hola. Permezz ta' dawn il-flus jinxtara ikel, mediċini, uniformijiet għall-iskola, affarijiet għad-dar bħal saqqijiet, *nets* għan-nemus, borom, platti u lożor.

Filwaqt li nirringrazzjaw lil dawk il-Maltin u l-Għawdxin li bl-offerta tagħhom qed ikunu ta' għajnuna kbira lil ħafna tfal u l-familji tagħhom, nagħmlu wkoll appell għal aktar *sponsors* ġodda. Għalhekk, anke inti tista' tgħin lil familja fil-Kenja billi kull xahar tagħti Lm 4 u tadotta tifel jew tifla minn familja u jkollok l-istorja fil-qosor tal-familja kif ukoll ir-ritratt tat-tifel jew tifla.

Jekk trid tkun ġeneruż imla din il-formula ta' hawn taħt u flimkien ma' Lm 4 kull xahar ibgħathom lil Fr. Joe Alessanro OFMCap, Kunvent tal-Kapuċċini, Floriana Tel. 2122552 / 21233874. Il-ħlas jista' jsir kull xahar jew kif wieħed jew waħda jixtieqİ, u tintbagħat irċevuta għal kull ħlas.

Jiena ______________________

li noqgħod ______________________

______________________

Kodiċi Postali ________ Tel ______________

***Nixtieq nibda nisponsorja tifel jew tifla ta' Hola fil-Kenja***



## Mill-ittri tal-qarrejja ...

• Għażiż Fr. Joe, Dawn l-aħħar snin ir-rivista Dawl Franġiskan baqgħet dejjem tikber u titjieb, kemm fil-kontenut kif ukoll fl-preżentazzjoni tagħha. Dan kollu sar bis-saħħa ta' l-amministrazzjoni, tal-kontributuri, tal-*helpers* u l-koperazzjoni ta' l-abbonati. B'hekk ir-rivista kisbet post għoli fost il-qarrejja tagħha. L-abbonati għandhom jitheġġu ħalli jsibu oħrajn bħalhom ġodda biex id-**Dawl Frangsikan** ikompli jinfirex fil-bliet u l-irħula kollha tagħna. Niftakru li San Franġisk dejjem ikattar il-Paċi u l-Ġid.

Prosit għall-Werrej Ġenerali li qed jidher f'kull ħarġa ta' Diċembru. *Keep it up.* *J.R. Gatt - Floriana*

• Dear Fr. Alessandro, may I assure you of my appreciation in receivng the periodical **Dawl Franġiskan**. It is very informative and presents beautiful topics. May the Good Lord continue to bless you. Enclosed, please, find my small contribution. Yours in Christ,

*Msgr. Leo J. White - London*

• Fr Joe Alessandro, jiena qiegħda nibgħatlek il-ħlas tar-rivista **Dawl Franġiskan** għal tliet snin. Prosit għax hija rivista interessanti ħafna u nieħu gost naqraha. Grazzi ħafna.

*A. Cutajar - Mellieħa*

P. Frans Abela OFMCap

# Kopja fidila u oriġinali

IT-TIENI PARTI

## Qaddis midneb

"X'tixtieq issir meta tikber?" ġieli nistaqsu lit-tfal tagħna. It-tweġibiet li jagħtuna jvarjaw ħafna: min għalliem, min sewwieq, min bniedem tas-sengħa, min professjonist jew artist jew xi *footballer*, u min, rarament, qassis jew inkella reliġjuż. Franġisku żagħżugħ bla esperjenza darba waħda stqarr: "fil-ġejjieni għad inkun meqjum bħala qaddis maddinja kollha" (2 Cel 4). Miskin, kien għadu ċkejken wisq meta ħareġ b'waħda bħal din, tant li, meta kiber u n-nies bdiet tinduna bi qdusitu, ma kienx iħossu kkumplimentat minnies li jsejħulu qaddis. Meta darba wieħed mill-Aħwa rrimarkalu: "Ġismek li llum hu mħażżem bl-ixkejjer għad jiġi mgħottl u mlibbes bl drappljlet fini" kien pront wieġbu: "Hekk għad jiġri, veru, però bil-grazzja ta' Alla u għat-tifħir tiegħu" (SP 107). Iżda jberren f'moħħ Franġisku kien hemm ħsieb ieħor li kien jinkwetah, dak li minn ġewwa kien iħossu konvint li hu midneb, anzi l-agħar wieħed. Kien iħossu grat lejn min kien iqisu b'midneb, filwaqt li kien iġarrab dieqa ta' qalb meta l-poplu kien ixerred il-fama ta' qdusitu li għalih kienet bla bażi. Allura dan ifisser li hu kellu personalità doppja? Li kieku kien hekk ma kienx ikun possessur u qassam ta' ferħ għax konvint, wara xi viżjoni li kellu, li l-Mulej minn midneb bidlu fi prodiġju ta' umanità mifdija. Joqgħodulu perfettament daż-żewg siltiet mill-Bibbja: "Raddli l-hena tas-salvazzjoni tiegħu" (Salm 51) u "Fejn kotor id-dnub, kotrot fuq li kotrot il-grazzja" (Rum 5, 20). U anki meta, wara mumenti ta' dlam spiritwali, wasal biex ikkonvinċa ruħu li Alla ħassarlu ħtijietu kollha u allura qed jgħix fl-istat tal-grazzja, qatt ma ħadha li dan ġara għax kien ħaqqu iżda sempliċement frott tat-tjubija ta' Alla.



## Idealista u realista

Tipprova tgħaqqad daż-żewġ kelmiet f'għan wieħed tkun qed tgħix f'dinja tal-ħolm. Però ma hemm xejn akbar mill-ideal evanġeliku: "Kunu perfetti, bħalma hu perfett Missierkom li hu fis-smewwiet" (Mt 5, 48). Lin-nisrani komuni dil-proposta tista' jew tħallih indifferenti jew inkella tħawdu. Lil Franġisku iżda dan l-ideal iebes qatt ma qatagħlu qalbu, anzi baqa' jsegwih b'istinazzjoni kbira sa qrib mewtu meta qal: "L-aħwa, ejjew nibdew (tridux?) naqdu lill-Mulej għaliex sa issa għamilna ftit u bi profitt" (I Cel 103). Dan kollu jindika x'ħażna ta' idealiżmu kellu. Min-naħa l-oħra Franġisku ma kienx xi bniedem idealista li jgħix fis-sħab. Kien konxju minn dak li seta' jieħu realistikament mill-bnedmin. "Tippretendi minnhom xejn għajr dak li l-Mulej għad jagħtik, u tistenniex li ser isiru nsara aħjar għal ġieħ wiċċek" (Leg M 234). Inutli li noqogħdu noħolmu dak li idealistikament nixtiequ nbiddlu fl-oħrajn meta l-fatti juruna bil-maqlub. Anke meta beda jinduna b'ċerta laxkezza fl-ideal primittiv ta' wħud minn uliedu, ta' bniedem realista li kien, mhux biss żamm il-kalma, imma saħansitra "biex jevita l-iskandlu, bexxaq għajn waħda għal ċerti abbużi, u kien jadatta ruħu għarrieda tagħhom għalkemm kontra qalbu" (Leg Per 77). Bl-istess mod ġab ruħu meta falliet il-missjoni tiegħu qalb il-misilmin. "Minkejja x-xewqa kbira li kellu li jikkonvertihom, imnebbaħ minn Alla li l-ħolma tiegħu sfumat, bla ma tilef sabru jew seħet xortih, reġa' lura lejn pajjiżi nsara" (Leg M 9, 9). Tkun idealista meta tipprova tilħaq bilfors xi għan li ma jistax jintlaħaq; imma tkun realista meta toqgħod bi kwietek avolja ma lħaqtux għax iċ-ċirkustanzi jkunu ppermettew mod ieħor. ❑

P. Joe Giuliano OFMCap



# Żewġt Aħwa għamluha!

Andrè Azzopardi u Hayden Williams, żewġt aħwa fl-Ordni Kapuċċin, kellhom il-*guts* biex jitilqu kollox, il-karriera, il-familja, il-ġid u l-wirt biex jgħixu l-Evanġelju sal-qiegħ; u dan mhux għax fettlilhom hekk, iżda għax, riżultat tal-fidi tagħhom, ħassew lil Ġesù jsejħilhom biex jitilqu kollox u jimxu warajh bħala Franġiskani Kapuċċini.

It-triq tagħhom sa ma waslu għal deċiżjoni definittiva ma kinetx ward u żahar, iżda, fejn hemm il-vera mħabba, tasal biex tagħmel kollox. Meta Alla jġennek għal warajh allura ma tkunx tista' tieqaf tiġri għal warajh, għalkemm it-tentazzjoni biex tħares lura tkun kbira u xi drabi ma tkunx tiflaħ għaliha. Iżda sewwa jgħid San Pawl: "Kollox niflaħ bis-saħħa ta' dak li jqawwini".

U hekk dawn iż-żewġt aħwa waslu biex sa fl-aħħar, kif ngħidu bi kliem komuni, ikunu tal-post mal-patrijiet. Il-wegħdiet tagħhom għamluhom nhar il-festa tal-Lunzjata, kif tant xtaqu huma, jiġifieri fil-25 ta' Marzu, 2004, fil-knisja tagħna tal-parroċċa ta' San Ġwann, imdawrin minn aħwa oħra patrijiet, ħafna qraba, ħbieb, ħafna żgħażagħ u studenti universitarji sħabhom.

Għalissa huma ser jibqgħu fil-kunvent tal-Floriana peress li fadlilhom xi ftit żmien ieħor ta' studju, u din is-sena, jekk Alla jrid, jiggradwaw mill-università u aktar tard jiġu ordnati djakni.

Jalla l-Mulej iżommhom sħaħ bla mittiefsa fl-ispirtu, fir-ruħ u fil-ġisem.





*Fuq nett: Br Hayden (xellug) u Br Andrè (lemin) ma' Ħuthom li ħadu sehem fil-Konċelebrazzjoni.*
*Taħt: Żewġ mumenti waqt iċ-ċerimonja tal-Professjoni.*
*Fil-paġna l-oħra: Br Andrè u Br Hayden jagħmlu l-wegħdiet tagħhom.*





# Fil-Professjoni ta' Ħutna Andrè u Hayden fil-parroċċa ta' San Ġwann

*minn P. Remiġ Galea OFMCap*

Riġlejn sbjeħa, mimlija bil-ħeġġa
lejn Assisi, hemm xefaq b'kull sliem,
dawl Franġisku jurihom fi triqtu,
x'hemm imħejji, jekk tħarsu 'l quddiem.

L-istedina t'Assisi qed tmewweġ
qalb il-wileġ, għoljiet u widien,
l-għanja ħelwa li ssawbet ġo fihom,
tgħijjex turi mixegħla ta' lwien.

Hawn qlub siekta jitolbu għalikom,
miexja magħkom fit-triq tat-tiġrib,
jafu x'tiswa, is-sejħa li tħaddnu,
imsoffija fid-Dawl tas-Salib.

Kif iż-żiffa sabiħa tal-għodwa,
tqanqal saħħa f'dirgħajn il-ħolqien,
hekk il-mewġa li ġġedded lil qalbkom
f'qalb iż-żgħażagħ iżżid in-nirien.

Sema sbejjaħ imlibbes bil-kwiekeb,
b'dawl il-qamar iżigħed fuq l-art,
xejn ma jgħaddi lill-ġonna ta' qalbkom,
tfewwaħ tniedi s-safa tal-ward.

F'din il-ġonna sabiħa ta' ruħkom,
hemm Franġisku jitliegħeb kull ħin,
b'dak is-seħer ta' mħabba li ridu
jerġa' jgħaqqad u jgħix fil-bnedmin.

Fis oħorġu fit-toroq tad-dinja,
hawn il-poplu jistħarreġ għalxan,
riesaq lejkom bil-karba fuq fommu,
għall-ferħ veru ta' qawwa u fejqan.

Żommu qalbkom mixgħula bl-imħabba,
kollkom ħeġġa biex tgħinu f'kull triq,
lissnu l-kelma li jtenni Franġisku,
ġid u għaqda kull bniedem jixtieq.

P. Joe Calleja OFMCap

## Kif nistgħu nitkellmu ma' persuni morda (2)

# Ma' l-imgħaddab li jsofri

***Ser inkomplu din is-sensiela ta' artikli billi nagħtu ħarsa lejn modi differenti kif nistgħu nitkellmu ma' persuni li jkunu qegħdin iduqu l-esperjenza tal-mard fil-ħajja tagħhom u noffrulhom bħala għajnuna riflessjonijiet meħudin mill-ktieb ta' Ġob li jindirizza l-problema tat-tbatija. L-istorja ta' Jeffrey għandha tgħinna nagħmlu dan.***

Jeffrey hu raġel fl-għoxrinijiet u rrabjat ħafna fuq l-aħbar li għandu *cancer* u li t-tobba mhumiex ċerti jekk it-*treatment* li jixtiequ jtuh iwassalx għal *remission*. Jeffrey ma kellux ħajja faċli, però issa kien se jaqbad jissetilja xi ftit. Għandu impjieg tajjeb u tfajla stabbli li magħha ffissa d-data taż-żwieġ fi żmien sena. Jeff hu mrobbi fil-fidi kattolika u, bħal Ġob, jemmen li Alla jippremja lil min jobdi l-kmandamenti. Imma issa għaddej minn sens kbir ta' ħtija minħabba ċerti żbajli li għamel fil-passat u li jħoss li jistgħu jkunu parzjalment responsabbli għall-fatt li għandu *cancer*. Jeffrey jużа lingwaġġ iebes ħafna meta jitkellem fuq Alla u ma tantx hu faċli li jaċċetta xi spjegazzjonijiet li jiġu mit-tradizzjoni, bħal pereżempju li Alla jaf jużа t-tbatija favur il-bniedem, jew mill-filosofija moderna li żżomm li t-tbatija hija parti mill-ħajja u sseħħ b'mod indipendenti mir-rieda ta' Alla. Jeffrey kapaċi jieħu inizzjattiva u jibda dan id-diskors, imma mhux kapaċi jisma' ħafna dak li l-*caregivers* jixtiequ jgħidulu.

Ma' karattru splussiv bħal ta' Jeffrey, l-aħħar ħaġa li *carer* għandu jagħmel huwa li joħloq konfront. Li tikkonfronta l-ħsibijiet teoloġiċi ta' Jeff, mhux għaqli, minħabba li għandhom għeruq fil-fond u jispiċċa aktar jingħalaq bħal ġo fortizza. Imma nistgħu nduru magħhom billi nkunu paċenzjużi ma' Jeffrey, anki meta jkun f'xi burdata, nisimgħu sewwa r-rabja u l-uġigħ li jkun ħiereġ. Ma niġġudikawhomx imma nirrispettawhom bħala l-esperjenzi tal-ħajja tiegħu li wassluh sa hawn. L-uniku mod ta' kif Jeffrey jista' jinfetaħ spiritwalment għal ħaddieħor huwa billi l-persuna tirbaħ il-fiduċja tiegħu. Meta Jeffrey jikkonvinċi ruħu li r-rabja u l-mod ta' kif iħossu offiż huma rispettati, ikun jista' jibda jisma'.

Minħabba li Jeffrey hu enerġetiku u qalil, tant li dejjem għex ħajtu *to the full*, jista' jirrelata u jħossu viċin ma' ċerti aspetti tal-ħolqien, bħalma hi n-natura. Minħabba ċerti



esperjenzi fil-passat tiegħu, jaf kemm il-ħajja hi fraġli u kemm ċerti sforzi umani jafu ma jservu għalxejn. Għalhekk ikun jista' jidħol u jħossu intunat mad-diskorsi li jagħmel Alla f'kapitli 38-41 tal-ktieb ta' Ġob, fejn is-semmiegħ hu mistieden jogħdos u japprezza l-ġmiel tal-ħolqien. Billi Jeffrey jibda jiddedika ftit ħin għall-kwiet waħdu kuljum, jista' jibda jiskopri li, minkejja madwaru kollox jidher imħawwad, hemm ċerta ordni u tifsir. Dan hu aspett li jolqot ħafna l-fidi.

Minħabba l-karattru dinamiku tiegħu, li jaqra forsi mhux biżżejjed, Jeffrey għandu jiġi mħeġġeġ li jirrepeti, jimmaġina, jitlob b'dawn il-versi u li anki jagħmel xi ħaġa dwarhom, bħal per eżempju li jsib ħin għalih waħdu qalb in-natura darba fil-ġimgħa. Jeffrey jista' jakkwista *insights* u perspettiva għat-tbatija tiegħu b'dawn il-kuntatti, u jibda jafda l-proċess li, minkejja fil-ħajja hemm ħafna diżordni, Alla jinsab hemm ukoll. Bħal Ġob, Jeffrey se jkun mimli dubji, imma jista' jiffoka din l-enerġija b'modi kreattivi li jgħinuh iħoss li hu mhux waħdu minkejja d-dubji tiegħu.

Kapitlu 28 tal-Ktieb ta' Ġobb hu innu ta' tifħir lill-għerf ta' Alla, li Jeffrey jista' jużа sewwa billi jaqrah u jerġa' jiktbu skond l-għerf tal-esperjenzi tiegħu. Kif Alla u l-ħajja qabżu l-aspettattivi tiegħu u wrewh li tipprova kemm tipprova tifhem il-ħajja hemm stejjer li huma wisq fondi? Meta kienu dawk il-mumenti li tassew fihom ra li spiċċaw aħjar milli qatt basar? Liema kienu dawk l-esperjenzi li fihom lemaħ l-għerf ta' Alla li llum iġegħluh aktar jintelaq f'idejH? Jeffrey jaf ikun aktar kalm miegħu nnifsu u ma' l-oħrajn meta jinduna li xi elementi mill-ħajja ma jistax jikkontrollahom jew jifhimhom u l-aħjar huwa li jafda fl-għerf li jgħallem Ġob: "li tibża'/tqim lill-Mulej hu l-għerf, li titbiegħed mill-ħażen, l-għaqal" (Ġob 28:28).

Jeffrey għandu bżonn min jiggwidah u jagħtih *support* blex jitlaq ftit dak il-post li fih iħossu ċert. Il-*carer* jista' jilħaq dan bil-paċenzja, bir-rispett, bit-tjubija. L-aħjar kwalitajiet ta' Jeffrey, bħalma huma l-entużjażmu u d-dinamika tiegħu, jgħinuh jgħix dak li jasal biex jagħraf u jiddeċiedi. ❑



# Nitkellmu ma' P. Teodosju Meli OFMCap

***Min fejn int u għandek xi tifkiriet dwar tfulitek?***

Jien twelidt fl-isptar "Ta' Ċini", Santa Venera, iżda trabbejt u kbirt Ħaż-Żabbar. Aħna qegħdin tmien aħwa u jien iż-żgħir.

L-ewwel ħaġa li nista' niftakar huwa l-ħafna bini mwaqqa' bil-gwerra. Tant li biex infiehmu li xulxin fejn, konna ngħidu "fejn il-bini mwaqqa'"

Niftakar ukoll il-ħafna funerali li kienu jgħaddu minn quddiemna lejn iċ-ċimiterju. Dak iż-żmien kienu jkunu karrijiet biż-żwiemel; b'erbgħa, jekk f'ħajtu kien ikun bniedem sinjur, jew bi tnejn jekk ma tantx kien ikun jista'. Niftakar ukoll il-funerali ta' trabi, b'tebut abjad, li kienu jerfgħuh it-tfal.

***Kont tattendi xi għaqda reliġjuża f'dan iż-żmien?***

L-ewwel li bdejt nattendi naturalment kien il-Mużew biex inkun nista' nagħmel il-Preċett; dak iż-żmien ta' ħames snin u l-Griżma ta' l-Isqof ta' seba' snin. Niftakar li l-eżami tal-preċett kien għamilhuli Dun Fred Darmanin u kont weħilt fl-Att ta' l-Indiema. Sentejn wara l-Griżma bdejt immur il-*Legion of Mary*. Ma tantx domt, għax ir-rużarju konna ngħiduh id-dar xorta waħda. Però darba, il-Ħadd filgħaxija, ħriġna flimkien jiena u ħija ta' qabli u morna fejn kienu jmorru jilgħabu t-tfal tal-Mużew - il-Foss. Kien hemm ċertu superjur Ġeraldu (il-Pajsu) u ħajjarna biex nerġgħu nidħlu. Kien minn Alla, għax bqajt sakemm sirt aspirant u dan għeni ħafna biex dħalt reliġjuż.

***X'kien li ħajrek tidħol bħala Franġiskan Kapuċċin?***

Kif għedtlek il-Mużew u l-familja għenuni ħafna biex nidħol Franġiskan Kapuċċin. Ma' tal-Mużew, flok bqajna mmorru l-Foss, li jiġi ħdejn Bieb is-Sultan, il-Mulej biddel id-direzzjoni u bdejna mmorru Rikażli, u allura minn fejn il-Kapuċċini bdejna ngħaddu ta' spiss. U din kienet qisha lixka għalija għax hemm ma bqajtx immur biss nhar ta' Ħadd filgħaxija, iżda bdejt immur ta' spiss waħdi jew ma' ħabib li llum ukoll daħal patri. Naturalment, wara talb u pariri, fl-aħħar dħalt in-novizzjat. Fil-fehma tiegħi jiena nqis il-ħajja reliġjuża bħala xi ħaġa sabiħa - ħidma waħda.

***X'kienet il-ħidma tiegħek fi ħdan il-Provinċja tagħna?***

Niftakar lil Patri Salv, Alla jagħtih il-ġenna, jgħid li meta jmut u jidher quddiem Alla u jistaqsih dil-mistoqsija, biċ-ċajt, kien se jgħidlu biss li għadda ħamsin sena mal-patrijiet. Kien żgur li Alla kien se jwieġbu: "Ibqa' dieħel".

Kif taf int, mis-37 sena li ili ordnat presbiteru, tista' tgħid li għaddejthom f'diversi sptarijiet. Issa drajt, imma għall-ewwel, meta kont noħroġ mill-isptar, kien ikolli l-impressjoni li n-nies ta' barra mill-isptar kienu morda bħal ta' ġewwa. Dan minħabba li kien ikollna kuntatt kontinwu mal-morda. Li sservi lill-morda hija ħajja diffiċli, iżda daqshekk ieħor ta' sodifazzjon jekk teħodha mil-lat spiritwali.

***Kif tara li din il-ħidma taqbel mal-katatteristiċi tal-patri Kapuċċin Franġiskan?***

Hija ħidma li taqbel ħafna mal-karattru Franġiskan. U ma tistax ma tkunx hekk, għax aħna nissejħu "L-Aħwa ż-żgħar" kif intqal tajjeb fl-aħħar ċirkulari li titkellem mill-għamla ta' ħajja ta' l-Aħwa ż-żgħar. Din il-ħajja hija mfassla għal kollox fuq l-imġiba ta' Kristu li ried ikun żgħir u jaqdi lill-oħrajn. San Franġisk ried li l-patrijiet tiegħu jkunu jixbhu lil Kristu l-aktar f'din l-għamla ta' ħajja mibnija fuq il-faqar u ċ-ċkunija li huma s-sisien tal-ħajja ta' l-Aħwa ż-żgħar. Fil-fatt, hu kien jikkontempla lil Alla fil-bniedem; f'dan il-każ, il-lebbruż.

***Inti kont wieħed minn tal-bidu fil-missjoni tagħna tal-Kenja. Kif ġietek is-sejħa u x'kienu l-impressjonijiet tiegħek meta wasalt hemm?***

Nista' ngħid li minn dejjem kelli x-xewqa li nagħmel żmien inservi fil-missjoni. Fil-fatt, jien u tnejn oħra, konna sejrin l-Indja. Dan kien eżatt wara li ħadt il-Quddiesa fl-1966. Iżda kien tħassar kollox għax il-gvern Indjan ma riedx idaħħal aktar missjunarji kif nafuhom aħna. Ried *social workers*. Fuq hekk konna għamilna kors qasir ta' *nursing* fl-isptar San Luqa ma' Sr. Aldegonda, iżda xorta bqajna ma morniex.

Wara, imbagħad, offrewlna l-missjoni tal-Kenja u mort, iżda ma domtx wisq għax imradt u ġejt lura.

L-ewwel impressjoni tiegħi fil-Kenja li nista' nsemmi hi li wara jumejn f'Nairobi tlaqna bil-lejl b'tal-linja. Tista' taħseb int, mhux biss l-iskossi li ħadna l-lejl kollu iżda meta wasalna Garissa laħaq sebaħ u sibna ruħna mdawrin minn għasafar kbar - il-malibù.

Din kienet biss l-ewwel impressjoni tiegħi. Però għandi s-sodisfazzjon li l-missjoni kompliet b'patrijiet aktar kapaċi.

***Qegħdin fi żmien l-Għid. Kif taħseb li l-qarrejja jistgħu jkunu aħjar fi żmien l-Għid?***

Lill-qarrejja nista' ngħidilhom dak li ngħid lili nnifsi li żmien l-Għid huwa żmien qaddis li toffrilna l-Knisja Ommna kull sena. Napprofittaw ruħna minn din il-grazzja, minkejja d-dgħufija tagħna, biex ninbidlu għall-aħjar. Dan hu l-messaġġ tal-Għid, li bħal Kristu nqumu mill-mewt għall-ħajja. ❑

Br Andrè Azzopardi OFMCap

# Il-Qima lejn San Franġisk t'Assisi fil-Knejjes Maltin

IL-ĦMISTAX-IL PARTI

***Fil-ħmistax-il parti minn sensiela li fihom qegħdin inżuru xi knejjes Maltin li fihom naraw xi kwadri u statwi tal-Patrijarka San Franġisk t'Assisi, sejrin inkomplu nżuru l-knisja ddedikata lil dan il-qaddis tal-Patrijiet Franġiskani Konventwali fil-lokalità tar-Rabat. Fl-edizzjoni ta' qabel din konna ġa rajna xi kwadri li hemm f'din il-knisja u li juru lil dan il-qaddis. Illum sejrin naraw xi statwi li kienu jintużaw għall-purċissjoni fil-festa tal-qaddis li toħroġ minn din il-knisja f'Settembru.***

Kien fl-1598 meta Antonju Bonello ħalla xi flus fit-testment tiegħu biex mir-renti tkun tista' tiġi ċċelebrata festa lil dan il-qaddis. F'dan iż-żmien il-festa kellha iżjed xejra devozzjonali. Biż-żmien dawn ir-renti ma kienx baqgħalhom iżjed valur. Għal xi żmien kienet twaqqfet xi fratellanza f'ġieħ dan il-qaddis maħbub minn bosta, iżda dwar kif twaqqfet mhux magħruf. Li hu żgur hu li fl-1765 l-fratellanza kienet ikkonfermata u affiljata ma' l-Arċikonfraternità f'Assisi biex b'hekk tkun tista' tgawdi minn benefiċċji spiritwali tagħha. Ma jidhirx li din il-fratellanza damet wisq tiffunzjona iżda 'l quddiem reġgħet twaqqfet fratellanza oħra f'Isem dan il-qaddis.



Kien fl-1763 meta sar rikors sabiex tkun tista' tiġi organizzata purċissjoni f'ġieħ San Franġisk fl-għoti tal-Pjagi. Ir-rikors intlaqa' u l-purċissjoni ħarġet għall-ewwel darba fl-1764. Din kienet issir dejjem fix-xahar ta' Settembru u għal ħafna snin il-festa saret il-Ħadd fuq is-17 ta' Settembru li hija l-ġurnata meta l-Ordni Franġiskan kollu jagħmel it-tifkira għażiża ta' l-għoti tal-Pjagi lil Missierna San Franġisk. Mill-1981 'l hawn il-festa bdiet tkun iċċelebrata fl-aħħar Ħadd tax-xahar ta' Settembru. Jidher li matul il-medda tas-snin intużaw xejn inqas minn erba' statwi għal din il-festa li llum tlieta biss għadhom magħna.



Għalkemm l-oriġni ta' l-ewwel statwa mhux magħ-ruf, hu maħsub li din kienet tintuża sa mill-1764 fi żmien meta saret l-ewwel pur-ċissjoni. Sa nofs is-seklu dsatax kienet tinżamm fil-kjostru sa-kemm fl-1853 saritilha niċċa. Fi żmien il-Gwardjan P. Anton Sammut, jiġifieri fl-1856, l-istatwa għaddiet minn restawr.

It-tieni statwa *(fuq)* saret fi żmien il-Gwardjan P. Lawrenz Busuttil (1877-79). L-istatwa hi magħmula mill-kartapesta u turi lil San Franġisk b'salib f'idu. Għal xi żmien din kienet tintrefa' fir-refettorju iżda illum tinsab fil-mużew tal-kunvent ta' l-istess Patrijiet.

It-tielet statwa *(xellug)* hi kopja ta' dik magħmula mill-iskultur Giovanni Duprè fl-1882. Dan l-iskultur kien naqqax fl-

irħam statwa tal-Fqajjar t'Assisi għall-knisja katidrali ta' l-istess belt iddedikata lil San Rufino. Il-Patrijiet Franġiskani Konventwali f'Malta ordnaw żewġ statwi ta' dan il-qaddis għand l-istess artist, waħda għall-knisja tagħhom fir-Rabat Malta u l-oħra għall-knisja tar-Rabat Għawdex. Din l-istatwa hi magħmula minn fuħħar u materjal ieħor. Il-figura ta' Franġisku tidher b'rasu baxxuta u idejh marbuta liebes tonka ta' Patri Franġiskan Konventwali. Illum din tinżamm fuq kolonna fil-kuritur tal-kunvent. Iżda minħabba l-istil ta' l-istatwa, din inbidlet u fis-seba' ċentinarju mill-mewt tal-qaddis, il-Patrijiet bdew jaħsbu biex issir statwa oħra *(lemin)*. Din ġiet ordnata fl-1935 għand l-Għawdxi Wistin Camilleri u tħallset mill-Maġistrat William Soler. Il-qaddis jinsab f'nofs l-istatwa u ma' kull ġenb hemm anġlu.



Wara li din l-istatwa ġarrbet xi ħsarat, għalkemm fis-snin ħamsin ġiet restawrata minn Camilleri nnifsu, ittieħdet id-deċiżjoni li din l-istatwa tittella' fl-oratorju tal-kunvent. Fl-1977 l-istatwa ttieħdet għand l-iskultur Rabti il-Prof. Anton Agius biex jirrestawraha. Ix-xogħol ta' restawr kien wieħed intensiv tant li kellhom jinbidlu xi partijiet mill-istatwa. Il-kliem bil-Latin inbidel għall-Malti flimkien mal-kliem li kien hemm fuq strixxa li hemm fuq il-globu li qed iżomm fuqu x-xbieha ta' San Franġisk. Agius ma kien ħa l-ebda ħlas għal dan ix-xogħol ta' restawr.

Il-pedestall li fuqu tinġarr l-istatwa fil-purċissjoni, hu l-istess wieħed li jintuża għall-istatwa tal-Madonna tas-Saħħa. Iżda għal din l-okkażżjoni l-pedestall tinbidillu l-pożizzjoni. Fl-1983 saret bradella ġdida tal-ġewż għal din l-istatwa.

Fis-sagristija tal-knisja naraw biċċa xogħol ta' arti moderna li turi lil San Franġisk skulturat fis-siment u mqiegħed fuq bażi ta' rħam. L-iskultur warajha hu l-magħruf Josef Kalleya u hi meqjusa bħala waħda mill-aqwa xogħlijiet tiegħu. Dan ix-xogħol ġie rregalat lil P. Alessandru Bonnici OFMConv fil-15 ta' Gunju 1979. Minnaħa tiegħu P. Bonnici għaddieh lill-knisja tal-kunvent tar-Rabat Malta. Bħala gwardjan ta' l-istess fraternità, nhar it-22 ta' Settembru ta' l-1979, lejlet il-festa ta' San Franġisk fir-Rabat, P. Bonnici bierek din il-biċċa xogħol artistika fil-knisja. Għal din iċ-ċerimonja kien hemm preżenti l istess skultur li għamilha.



It-tagħrif li jidher f'din il-ħarġa slittu minn artiklu dwar statwi fil-knejjes Maltin li kien kiteb is-Sur Joseph C. Camilleri fil-ġurnal in-*Nazzjon* tal-Ħamis 14 ta' Settembru 1995. Nixtieq irrodd ħajr speċjali lil P. Alessandru Bonnici OFMKonv ta' l-għajnuna li tani b'materjal ieħor marbut kemm mal-kwadri kif ukoll ma' l-istatwi li naraw f'din il-knisja u li juruna lill-qaddis Franġisku t'Assisi. ❑

P. William Axiaq OFMCap

# Evanġelju taż-żwieġ u tal-familja

*Father*, matul ir-Randan mort flimkien mal-mara tiegħi l-Eżerċizzi Spiritwali fil-parroċċa tiegħi. Il-predikatur beda biż-żwieġ, kompla biż-żwieġ u temm biż-żwieġ. Kienu priedki li għoġbu kemm lili u kemm lill-mara tiegħi. Il-kliem beda juża ċerti espressjonijiet li jiena qatt ma kont smajt bihom qabel. Per eżempju, f'konferenza minnhom beda jitkellem ta' spiss mill-'Evanġelju taż-żwieġ u tal-familja'. Dak il-ħin fhimt xi ħaġa milli beda jgħidilna imma mhux kollox. Dik l-espressjoni laqtitni u fittixt li nżommha f'moħħi. Rajt li fiha ħafna sens. Qiegħed niktiblek biex tagħtini t-tifsira preċiża tagħha għax inħoss li se tkun ta' għajnuna spiritwali kbira għalija biex ngħix iż-żwieġ tiegħi skond l-ispirtu ta' Kristu.

Illum f'kull qasam tal-ħajja qegħdin jiġu wżati espressjonijiet ġodda. Anki fejn jidħol iż-żwieġ bħala sagrament, l-espressjonijiet ġodda qegħdin idewdu. Waħda minnhom hija l-espressjoni li semmejt int, għalkemm b'iżjed preċiżazzjoni. L-espressjoni proprjament hija din: 'Inħabbru, niċċelebraw u naqdu l-Evanġelju taż-żwieġ u tal-familja'. Dan huwa x-xogħol tal-Knisja fejn tidħol l-azzjoni pastorali tal-familja.

'L-Evanġelju taż-żwieġ tal-familja' tfakkarna qabel xejn f'dak kollu li l-Evanġelju jgħid espressament fuq iż-żwieġ u fuq il-familja biex nifhmu l-identità, it-tifsira u l-valur ta' dawn iż-żewġ għamliet ta' ħajja kif jidhru fil-pjan salvifiku ta' Alla. Mal-medda ta' l-erba' Evanġelji, hemm ħafna bnadi fejn Ġesù u l-Evanġelisti jitkellmu direttament fuq iż-żwieġ u l-familja. Ngħidu aħna, hekk jagħmel San Ġwann bil-grajja tat-tieg ta' Kana (2, 1-12). L-istess jagħmel Kristu meta jitkellem mill-qdusija taż-żwieġ nisrani (Mt 19, 1-12).



Fl-istess ħin, imbagħad, l-espressjoni 'L-Evanġelju taż-żwieġ u tal-familja' tfisser ukoll ħaġ'oħra. Meta l-koppja miżżewġa, il-ġenituri u l-ulied jgħixu d-dmirijiet tal-familja skond il-ħsieb, id-deċiżjonijiet u l-kmandamenti ta' Alla jsiru huma stess evanġelju, bxara tajba għad-dinja kollha u għal kull persuna. Iż-żwieġ u l-familja jsiru b'hekk xiehda u profezija, oġġett, anzi suġġett ta' evanġelizzazzjoni. Fl-aħħar mill-aħħar, il-Mulej Ġesù li kellu mħabba kbira lejn il-miżżewġin, lejn il-ġenituri u lejn it-tfal, fid-diskors tal-muntanja, fetaħ fommu u qal: "Intom id-dawl tad-dinja. Belt li tkun qiegħda fuq muntanja ma tistax tinħeba. Anqas ma jixegħlu l-musbieħ u jqegħduh taħt il-modd, iżda fuq l-imnara, u hekk idawwal 'il kulmin ikun fid-dar. Hekk għandu jiddi d-dawl tagħkom quddiem il-bnedmin, biex jaraw l-għemejjel tajba tagħkom u jagħtu glorja lil Missierkom li hu fis-smewwiet" (Mt 5, 14-16).

Naħseb li offrejtlek tifsira ċara biżżejjed ta' dak li tlabtni. Issa żgur tinsab kuntent għax bi spjega miktuba fuq l-abjad f'idejk, mhux bħal meta tismagħha tingħad, tkun tista' tirrevediha darba darbtejn sakemm tifhimha sew, iddaħħalha f'moħħok darba għal dejjem u tgħallimha lill-oħrajn ukoll bħalma l-predikatur għallimha lilek. Il-Latini kienu jgħidu bir-raġun li *verba volant*... il-kliem itir mar-riħ imma l-kitba le. ❑

P. Philip Cutajar OFMCap



# "Il-Preżenza Soċjali tal-Knisja"

## Istruzzjoni teoloġika-pastorali maħruġa mill-Konferenza ta' l-Isqfijiet ta' Kuba - 8 ta' Settembru 2003

IT-TIELET PARTI

### Il-preżenza pubblika tal-Knisja

Fi qbil man-natura u l-missjoni tal-Knisja tiġi wkoll iddeterminata l-preżenza pubblika tagħha u mhux inqas is-servizz li hija msejħa li twettaq fis-soċjetà.

### Is-servizz tal-Knisja fis-soċjetà Kubana

Il-Knisja ... "teżisti fid-dinja u magħha tgħix u taġixxi", "timxi ħaġa waħda maqgħuda ma' l-umanità u tesperimenta l-istess xorti tad-dinja f'din l-art", aktar minn hekk "teżisti bħala ħmira u ruħ tas-soċjetà... Il-missjoni proprja li Kristu afda lill-Knisja mhix waħda ta' ordni politiku, ekonomiku jew soċjali, imma l-għan li huwa poġġa quddiem il-Knisja huwa ta' ordni reliġjuż" (*Gaudium et Spes*, 40 u 42). B'konsegwenza ta' dan, il-Knisja qatt m'għandha tidentifika lilha nfisha ma' l-ebda partit politiku, lanqas tgħinu. Il-Knisja mhix xi azjenda ekonomika sabiex tqassam b'mod indaqs il-ġid li joħrog mill-produzzjoni. Il-Knisja mhix lanqas xi soċjetà li qiegħda hemm unikament sabiex tassisti lill-morda u lill-emarġinati tas-soċjetà. Il-missjoni tagħha hija waħda reliġjuża, li tkun minnha nfisha "proklamazzjoni" ta' Alla Missier, ħallieq tal-bnedmin, u tal-pjan tiegħu li jagħti l-ħajja fil-milja tagħha lill-bnedmin kollha u lill-ħolqien kollu hekk kif inhu mgħarraf lilna minn Ġesù Kristu. Imma din il-"proklamazzjoni" teżiġi neċesarjament li l-Knisja tidħol fl-isfera kemm politika kif ukoll soċjali għax minn dawn l-oqsma l-ħajja tal-bniedem tiddependi. F'dan il-kuntest il-fidi nisranija, jew il-laqgħa personali ma' Alla hekk kif inhu rivelat minn Ġesù Kristu, "iddawwal kollox b'dawl ġdid u turi l-pjan divin fuq il-vokazzjoni integrali tal-bniedem, u b'hekk tmexxi l-moħħ lejn soluzzjonijiet għal kollox umani" (*Gaudium et Spes*,11).

"Il-persuna umana hija l-bidu, is-suġġett u l-għan ta' l-istituzjonijiet soċjali kollha" (*Gaudium et Spes*, 25). "Il-Knisja, mill-istess raġuni tal-ministeru u tal-kompetenza tagħha, bl-ebda mod m'għandha titħallat mal-komunità politika u bl-ebda mod m'għandha tintrabat ma' xi sistema politika, imma fl-istess waqt hija trid tkun sinjal u ħarrlesa tal-karattru tranxendenti tal-persuna umana" (*Gaudium et Spes*, 76).




*Il-Papa waqt żjara f'Kuba żar il-monument għas-sacerdot filosfu Felix Varela.*

Appoġġjati minn dawn il-veritajiet tal-fidi u mit-tagħlim soċjali tal-Knisja, l-isqfijiet f'Kuba jqisu li sabiex ikun hemm żvilupp sħiħ tal-persuna umana jenħtieġ li jiġu eżerċitati l-libertà, ir-relazzjonijiet bejn iċ-ċittadini mibnija fuq l-imħabba u l-ħbiberija u mhux inqas it-tfittxija ħielsa ta' dak li hu tranxendenti għall-bniedem. Ma jistax ikollna soċjetà f'saħħitha jekk ma jiġux eżerċitati u garantiti b'mod inseparabbli dawn it-tliet dimensjonijiet tal-persuna umana.

L-isqfijiet ikomplu jitkellmu mill-bqija tad-drittijiet umani li għandhom jiġu rispettati, speċjalment dawk għall-ħajja, għal-libertà, għall-awtodeterminazzjoni; id-drittijiet tal-familja kif ukoll li jolqtu lill-individwu; id-drittijiet fil-qasam tal-politika, speċjalment fejn tidħol il-libertà ta' l-espressjoni, li jiġu ffurmati gruppi politiċi diversi, id-dritt li persuna tiċċaqlaq minn post għal ieħor u minn pajjiż għal ieħor; u d-drittijiet soċjali għall-edukazzjoni u għall-attenzjoni medika (ara *Pacem in Terris* n.4).

L-isqfijiet Kubani jħeggu sabiex il-poplu kollu f'Kuba jaħdem għal-libertà sħiħa bħala wieħed mid-drittijiet fundamentali ta' kull bniedem. Kull Kuban jenħtieġ li jibni fih attitudni pożittiva favur il-libertà hekk kif inhi ppreżentata mhux biss fil-*Carta Magna* tad-drittijiet umani imma wkoll fil-Kelma ta' Alla u fit-tagħlim tal-Knisja, libertà mibnija fuq il-verità, għax: "Il-verità tagħmilna ħielsa" (Ġw 8, 32).

Din l-attitudni responsabbli hija aktar minn neċessarja f'Kuba tallum, ikomplu jgħidu l-isqfijiet Kubani. Hija ferm neċessarja meta wieħed jara li l-problemi huma ħafna u tant huma kbar li wieħed ma jafx x'jaqbad jagħmel biex isolvihom. Il-Kuban quddiem din is-sitwazzjoni għandu diversi għażliet, fosthom dik li jaħrab mill-pajjiż, jaqa' f'indiferenza, jfittex toroq ta' ħarba bħalma huma l-alkoħol, id-droga u anke s-suwiċidju jew inkella jfittex l-aktar triq faċli li jakkomoda ruħu u jimxi maċ-ċirkustanzi b'mod passiv. Huwa biss permezz tat-talb, il-meditazzjoni tal-Kelma ta' Alla, l-applikazzjoni tad-duttrina soċjali tal-Knisja u reflessjoni kalma djalogata bejn is-setturi kollha tas-soċjetà jistgħu jgħinu sabiex tiġi eżerċitata l-libertà vera ta' wlied Alla. ❑

## P. Philip Cutajar jżurna

P. Philip Cutajar OFMCap, li għal dawn l-aħħar sitt snin qed jagħmel xogħol missjunarju f'Kuba, ser ikun fostna hawn Malta mill-15 sad-29 ta' Mejju. Huwa ġej biex jieħu sehem fil-Kapitlu Provinċjali li se jsir bejn is-17 u l-21 ta' Mejju, u fl-istess ħin jara lill-għażiża ommu, mara anzjana, lill-familjari tiegħu, kif ukoll jiltaqa' mal-ħbieb u l-benefatturi tal-missjoni.

Nilqgħuh fostna u nitolbu għalih.



*P. Philip Cutajar flimkien ma' grupp ta' parruċċani.*

*Marjoe Callus GiFra*



# Il-Paċi *tibda minnek*

Kemm hi sabiħa l-kelma paċi, u kemm hi isbaħ meta nwettquha. Kemm nisimgħu messaġġi ta' paċi minn żmien għal ieħor; kliem sabiħ iżda issa drajnieh.

Anke waqt il-quddiesa kulħadd jagħti sinjal ta' paċi, jgħannaq jew ibus lil xulxin. Jien nistaqsi: "Mela għaliex hawn dan id-diżastru kollu fid-dinja? Gwerer, ġlied, mibegħda, piki, għejra, qtil u ħafna ħidmiet oħrajn kontra l-ħajja. Żgur li paċi ma tfissirx dan kollu; allura xi tfisser il-kelma paċi?"

Il-paċi mhijiex kelma iżda ħidma, ħidma li tibda minn min irid is-sliem. Bil-kliem biss ma nurux ħlief x'jista' jsir. Ħafna drabi, meta nsemmu l-kelma paċi, jiġu f'moħħna biss il-gwerer bejn pajjiż u ieħor jew gwerra fl-istess pajjiż. Naħsbu li għax fil-pajjiż tagħna mgħandniex gwerra allura għandna l-paċi. Il-paċi trid tibda minni u minnek; kemm aħna ġenerużi u nfittxu x'nistgħu nagħtu u mhux biss x'nieħdu, kemm qed inċedu fuq il-post tax-xogħol, fit-triq jew bil-karozza, kemm qed inkunu ta' paċi għall-oħrajn kull fejn inkunu. Hija ħaġa sabiħa li nitkellmu fuq il-paċi iżda din tibqa' biss kelma fiergħa jekk ma titbiddilx f'azzjoni. Irridu noħolqu l-paċi kullimkien u ma' kulħadd mhux fejn irridu jew ma' min jogħġobna. Sempliċement tbissima, kumpliment jew kelma ta' kuraġġ huma wkoll sinjal ta' paċi.

U l-aktar ħaġa importanti hija x'jiswa li rridu l-paċi meta ma rridux naħfru? Il-maħfra hija l-ewwel pass għall-paċi u dan narawh ċar fuq l-eżempju ta' Ġesù li għax ħabbna miet għalina u dejjem lest li jaħfrilna biex inkunu dejjem paċi miegħu. Iżda x'jiswa li aħna nkunu paċi miegħu u miġġildin ma' ħutna, li huma wkoll uliedu? Jekk irridu li Alla jaħfer lilna rridu naħfru wkoll lil ħaddieħor biex il-paċi tkun bejnietna lkoll, li aħna wlied l-istess Missier.

Il-paċi tibda minnek ukoll. ❑

**Stedina għaż-żgħażagħ Maltin**



**Jekk għandek iktar minn 16-il sena u anqas minn 30 sena, nistednuk tattendi l-Gi.Fra., Floriana.**

**Għal aktar tagħrif żur is-sit tagħna:**

**www.gifrafloriana.cjb.net**

P. Joe Buttigieg OFMCap

# Iżmir

## L-isbaħ belt tal-Asja ż-Żgħira

Iżmir, l-antika Smyrna, hija it-tieni l-akbar belt li fiha jgħixu nies fit-Turkija. L-Istorja tagħha tmur lura għall-ewwel nofs tat-tielet millennju qabel Ġesù Kristu. Rat ħafna terrimoti, gwerrer u diversi ħakkiema. Fis-sena 334 ħakimha il-Maċedonu, Alessandru il-Kbir. Wara l-mewt ta' dan ħakmuha s-Selċudi, biex imbagħad fis-sena 27 q.K. għaddiet taħt is-setgħa ta' Ruma. Kien il-filosfu Eliju Aristide li sejħilha "l-isbaħ belt tal-Asja ż-Żgħira".

Fost l-ulied l-aktar magħrufa ta' din il-belt insibu lill-poeta Omeru li fl-Odissea tiegħu jirrakkonta, fost l-oħrajn, in-namur tan-ninfa Kalipso ma' Ulissi fl-għar fil-blat li jħares fuq ir-Ramla l-Ħamra t'Għawdex.

L-istorja mimlija ġieħ u sebħ tal-belt qadima ta' Smyrna hija mirduma taħt il-belt ta' Iżmir tallum. Din hija r-raġuni ewlenija għaliex ftit huma l-fdalijiet arkeoloġiċi li nsibu murija fil-mużew arkeoloġiku ta' din il-belt. In-nies ta' din il-belt kienu magħrufa u mfaħħra għall-fedeltà tagħhom lejn Ruma hekk li kienet ġiet mogħtija l-ġieħ li tkun l-Ewwel Belt tal-Asja flimkien ma' Efesu u Pergamu.


It-torri bl-arloġġ, is-simbolu ta' Izmir moderna.

Ma nafux sew meta wasal il-Kristjaneżmu f'din il-belt u kienx hemm ġemgħat pawlini minbarra dawk ta' San Ġwann. Tissemma l-ewwel darba fil-Ktieb ta' l-Apokalissi. Hija t-tieni Knisja li lilha l-Ispirtu jikteb (2, 8-11). Jidher li l-insara, minkejja l-faqar materjali tagħhom, spiritwalment kienu għonja. Il-ħajja nisranija li kienu qed jgħixu kienet ħajja denja ta' nsara, anke jekk mhedda minn dik li tiġi msejħa "sinagoga ta' satana" (vs. 9), tant li stħaqqilhom li jkunu mfaħħra. Dan jidher mit-tifħir li ġie mogħti lilhom biss fost is-Seba' Knejjes l-oħra. Skond tradizzjoni qadima ħafna l-ewwel isqof ta' din il-belt kien ħu San Timotju, li San Pawl kien ħalla bħala isqof tal-Knisja f'Efesu. Imma l-glorja tal-Knisja f'Iżmir huwa l-isqof San Polikarpu (65-155).


Parti mill-akwedott ta' żmien ir-Rumani.

It-tagħrif dwar il-ħidma u l-martirju tiegħu, kif ukoll dwar il-ħajja tal-ġemgħa nisranija tiegħu jaslilna minn ittri miktuba minn Sant' Irinew, Sant' Injazju t'Anktijokja, u nisrani bl-isem ta' Marċjone.

Sant'Irinew, li kien mill-Asja ż-Żgħira u mibgħut jevanġelizza f'Lyons, ħallielna miktuba l-ġrajja ta' meta San Polikarpu, fis-sena 160, mar Ruma biex jitkellem mal-Papa Aniċetu dwar il-kwistjoni ta' meta għandu jiġi ċċelebrat l-Għid il-Kbir: jekk hux skond l-użu Ruman-Palestinjan, jiġifieri l-Ħadd, jew inkella skond l-użu tal-Knejjes insara tal-Asja fl-14 tax-xahar ta' Nisan (April ) ikun meta jkun. Għalkemm il-laqgħa ma solvietx il-kwistjoni, imma ż-żewġ naħat baqgħu paċi.

Fis-sena 167 qamet rewwixta kontra l-insara tal-belt ta' Iżmir. Din ħalliet diversi vittmi fosthom lill-istess isqof tagħha San Polikarpu. Dan ġie maqtul fl-istadju tal-belt fit-23 ta' Frar. Kellu 86 sena. Marċjone, f'ittra li kiteb f'isem il-Knisja ta' Smyrna lill-gemgħa nisranija ta' Filomelju, jitkellem mill-martirju ta' San Polikarpu. F'din l-ittra nsibu għall-ewwel darba l-kelma martri b'referenza għal xi ħadd li miet minħabba l-fidi tiegħu f'Ġesù. Anki Sant'Injażju ta' Antijokja kiteb ittra fuq il-martirju ta' San Polikarpu. Din tkompli turi s-sehem tal-Lhud kontra l-insara. Jgħid li kienu huma li ġabru l-ħatab għan-nar biex fih jinħaraq Polikarpu, u kif wara raw li ma jifdal

xejn minnu ħalli l-insara ma jkunux jistgħu jieħdu xi fdal tiegħu.

Il-ġemgħa nisranija fi Smyrna kellha tara ħafna iktar minn fost uliedha jitilgħu t-taraġ tal-altar tal-martirju. Fost il-martri li ħallew isem insibu dak tal-presbiteru Pijunju. L-Atti tal-Martirju tiegħu jitkellmu weħidhom dwar ix-xiehda tiegħu ta' Ġesù Kristu. Dawn l-Atti juruna wkoll li fil-ġemgħa kien hemm diversi gruppi żgħar insara. Sant'Injażju, żmien qabel, kien ħeġġeġ ħafna għall-għaqda ta' dawn il-gruppi mal-isqof tagħhom.

Wara dan iż-żmien, ftit għandna tagħrif dwar l-istorja tal-Knisja fi Smyrna. Fil-Konċilju ta' Niċea (325) ħa sehem l-isqof ta' dak iż-żmien Ewtikju.

Illum, l-insara Kattoliċi tar-Rit Latin f'Iżmir, li fil-biċċa l-kbira tagħhom huma ta' nisel Ewropew, ilaħqu madwar 1,200 ruħ. Dawn jagħmlu l-unika arċidjoċesi li nsibu fit-Turkija, għax Istanbul u l-Anatolja huma Vigarjati Appostoliċi.

L-Arċisqof t'Iżmir huwa Taljan, Mons. G. Bernardini, Kapuċċin. Hu jgħix f'kunvent li sa ftit tas-snin ilu kien tal-patrijiet Kapuċċini Franċiżi. Mal-kunvent hemm knisja sabiħa ħafna ddedikata lil San Polikarpu. Hu mgħandux saċerdoti djoċeżani miegħu, imma għandu jgħinuh fit-tmexxija tal-Knisja xi reliġjużi, irġiel u nisa, minn diversi Ordnijiet Reliġjużi.

Il-knisja katedrali hija ddedikata, kif inhu xieraq, lil San Ġwann, Appostlu u Evanġelista. Fil-preżent hija użata mis-servizzi militari Amerikani u dawk tan-NATO.

Il-Patrijiet Dumnikani jieħdu ħsieb żewġ knejjes: il-parroċċa ta' Sidtna tar-Rużarju Mqaddes f'Alsancak, u l-knisja ddedikata lill-Madonna ta' Lourdes, f'Goztepe.

Il-Patrijiet Franġiskani Konventwali m'ilhomx ħafna li waslu f'Iżmir. Huma jmexxu parroċċa f'Karsiyaka dedikata lil Sant'Elena. Kapillan tagħha huma P. Alfons M. Sammut minn B'Kara.

Il-Patrijiet Franġiskani Minuri jmexxu parroċċa f'Alsancak dedikata lil Sidtna Marija, u knisja oħra ddedikata lill-Isem Imqaddes ta' Marija f'Bornova.

Il-Patrijiet Franġiskani Kapuċċini, illum għandhom knisja waħda biss fil-belt ta' Iżmir iddedikata lil Sant'Antnin ta' Padova. Lejn dan il-qaddis jirrikorru wkoll ħafna musulmani biex jitolbuh il-grażżji! Din qiegħda f'Bayrakli. (L-awtur ta' dan l-artiklu kien kapillan għal sitt snin f'din il-parroċċa). Hemm parroċċa oħra li bħalissa qed imexxiha patri Kapuċċin mill-provinċja ta' Alessandria. Din qiegħda f'Buca, u hija ddedikata lil San Ġwann il-Battista.


*Ritratt storiku (1800) li juri grupp ta' Patrijiet Kapuċċini qed jitolbu fil-post fejn fl-antik kien amfiteatru Ruman li fih ħa l-martirju San Polikarpu.*

Jagħmlu parti mill-arċidjoċesi wkoll insibu żewġ knejjes oħra. Is-Santwarju tad-Dar tal-Madonna f'Efesu, fejn jingħad li għexet l-aħħar jiem ta' ħajjitha l-Madonna, u l-knisja ddedikata lil San Pawl f'Konya. ❑

## Talb għax-xahar ta' Mejju 2004

O Qalb ħanina ta' Ġesù, kull ma nitlob, kull ma nagħmel u kull ma nġarrab f'dan il-jum, jgħaddi għalik mill-Qalb bla Tebgħa ta' Marija għat-tpattija ta' dnubietna, tad-dagħa li bih hu mżeblaħ l-Isem imqaddes tiegħek; u għall-fehmiet kollha li inti għandek f'kull quddiesa li titqaddes. Noffrihomlok fuq kollox għall-fehmiet tal-Papa u ta' l-Isqfijiet tagħna għal dan ix-xahar.

1. Biex il-familja - ibbażata fuq iż-żwieġ bejn raġel u mara - tkun rikonoxxuta bħala ċ-ċellula bażika tas-soċjetà umana.
2. Biex, bl-interċessjoni ta' Ommna Marija, il-kattoliċi jaraw l-Ewkaristija bħala l-qalb u r-ruħ tal-ħidma missjunarja.
3. Biex fit-tfal u fiż-żgħażagħ tal-gżejjer tagħna, sa mis-snin bikrin ta' ħajjithom, titnissel devozzjoni ta' wlied lejn Ommna tas-sema, Sidtna Marija.

*Kull xahar ikun hemm tliet intenzjonijiet: 1. Ġenerali; 2. Missjunarja; 3. Ta' l-Isqfijiet tagħna.*

Joe Attard (coach)




# Lejn Alla bl-isport (4)

Għal ħafna nies il-kelma *sport* tfisser biss xi logħba *football* jew xi attività sportiva oħra fuq it-TV. Issaqsihomx biex jieħdu parti attiva f'xi logħba għax dik tirrikjedi sforz fiżiku li mhumiex lesti li jagħmlu. Lesti joqogħdu siegħa u nofs fuq pultruna b'sieq fuq l-oħra u b'xi tazza tal-birra f'idhom imma mhux li jbiddlu u jinżlu jilagħbu huma stess. Iridu biss jieħdu gost bil-kumdità imma mhux lesti li jbatu l-ksieħ tal-ġurnata xitwija jiġru wara ballun għalkemm jieħdu gost jaraw lil ħaddieħor jagħmel hekk. Hemm nies oħra li jkunu jixtiequ jilagħbu imma mhux lesti jissagrifikaw ħafna ħin f'taħriġ iebes biex dak li jagħmlu jagħmluh tajjeb. Għall-kuntrarju ta' dan, il-kelma *sport* tfisser dixxiplina, perseveranza, dedikazzjoni u mħabba lejn xi attività sportiva.

Biex tipprattika xi *sport* l-ewwel trid tħobb dik l-attività. Ma tistax tieħu pjaċir b'xi ħaġa li ma tħobbx. Mela tħobb xi attività sportiva ma tibżax mis-sagrifiċċju u tiddedika ħafna ħin f'taħriġ iebes li kultant jista' jibda jdejjaq. Hawn jidħlu d-dixxiplina u l-perseveranza. Bniedem indixxiplinat jaqta' qalbu u malajr itemm ħesrem dak li jkun beda. Kuntrarju ta' dan, bniedem veru sportiv u li jrid jirnexxi lest li jagħmel kollox u jibqa' sakemm jara l-frott ta' ħidmietu.

Il-perseveranza u d-dedikazzjoni huma żewġ fatturi għas-suċċess fl-*isport*. Id-dedikazzjoni timla lill-bniedem bil-kuraġġ biex jippersevera f'dak li jkun qed jagħmel. Bniedem iddedikat għal xi logħba jagħmel kollox biex jirbaħ. Is-sagrifiċċji tat-taħriġ ma jaqtgħulux qalbu anzi jixprunawh biex jagħmel aktar għax fit-taħriġ isib ċertu sodisfazzjon li jimlieh b'aktar entużjażmu.

Fil-ħajja spiritwali hemm bżonn ta' ħafna sagrifiċċji biex nakkwistaw it-trofew tal-ġenna. Jekk veru tkun tħobb 'l Alla, mhux biżżejjed li tħalli r-reliġjon tagħna għall-jum tal-Ħadd jew ta' xi festa meta kulħadd jagħmel ħiltu biex jogħġob lill-Mulej. L-entużjażmu tagħna lejn Alla jrid ikun is-sena kollha; fil-bnazzi u fil-maltemp, fis-sħana u fil-kesħa. Kemm minna jsibuha bi tqila biex inqumu f'xi ġurnata kiesħa biex nisimgħu quddiesa? Niftakar nilgħab logħba *football* fuq art mimlija silġ u x-xita nieżla. Dak inhar ma bżajtx nieħu xi riħ jew xi bronkite biex imbagħad kont insibha bi tqila biex noħroġ mid-dar f'xi għodwa kiesħa biex immur nisma' quddiesa. Għaliex? Għax il-logħob kont inħobbu imma 'l Alla kont nippretendi biss li nħobbu, kont inħobbu biss nhar ta' Ħadd jew f'xi festa. Fil-mixja tagħna lejn Alla ma nistgħux inkunu passivi. Mhux biżżejjed li naħarbu d-dnub, iżda rridu nkunu aktar entużjasti biex nipparteċipaw u nieħdu sehem f'dak kollu li jgħinna nkattru l-imħabba lejh. ❑

# LOTTERIJA

## B'risq il-missjoni tal-Franġiskani Kappuċċini Maltin fl-okkażjoni tat-30 anniversarju tal-preżenza tagħhom fil-Kenja

### L-1 Premju:

**Sinudyne 20" TV & T/Text** ġentilment mogħti minn **SOUND MACHINE**
**Gift voucher Ta' Qali Gym għal sena** ġentilment mogħti minn Mr Frank Gauci
**Gift voucher Lm5** ġentilment mogħti minn **TUTTO SPORT**

### It-2 Premju:

**Ikona tal-Wiċċ ta' Kristu tal-fidda** ġentilment mogħti minn **VASCAS**
**Gift voucher Ta' Qali Gym għal sena** ġentilment mogħti minn Mr Frank Gauci
**Gift voucher Lm5** ġentilment mogħti minn **TUTTO SPORT**

### It-3 Premju:

**Blender & toaster** ġentilment mogħtija minn **FLAMINGO SHOWROOMS**
**Gift voucher Lm10** ġentilment mogħti minn **SHOE MARK**
**Gift voucher Lm20** ġentilment mogħti minn **MARIO BUONTEMPO TOURS**
**Gift voucher Lm10** ġentilment mogħti minn **ASCOT HOUSE**

### Ir-4 Premju:

**Gift voucher Lm25** ġentilment mogħti minn **VICTOR AZZOPARDI JEWELLERY**
**Gift voucher Lm10** ġentilment mogħti minn **SHOE MARK**
**Gift voucher Lm10** ġentilment mogħti minn **N. CARUANA & SONS LTD**

### Il-5 Premju:

**Dinner set 4x4** ġentilment mogħti minn **J.B. Stores**
**Gift voucher Lm10** ġentilment mogħti minn **SHOE MARK**
**Vjaġġ bil-katamaran Malta-Sqallija-Malta** ġentilment mogħti mill-**YTC**

***Tlugħ: Il-Ħadd 30 ta' Mejju 2004, Jum Il-Missjoni tal-Kapuċċini - Post: Kunvent tal-Kapuċċini, Floriana***

**Nirringrazzjaw lill-*isponsors* li kienu hekk ġenerużi fl-għajnuna tagħhom b'riżq il-missjoni kif ukoll lil Mr Pierre Portelli, Miss Josephine Agius u Mr Dorian Holland għall-kuntatti li għamlu ma' l-*isponsors*.**

**Ħu sehem u tkun qed tgħin lill-missjoni tagħna fil-Kenja.**
**Ta' dan irroddulek ħajr bil-quddiem u l-Mulej ibierkek.**

## Oħtna l-mewt iżżurna

Nhar l-Erbgħa, 17 ta' Marzu, 2004 il-Mulej sejjaħ għal għandu lil Maria Gatt, omm Fra Ġużepp OFMCap, fl-età ta' 88 sena. Il-funeral tagħha sar l-għada l-Ħamis, l-18 ta' Marzu, fil-Katidral ta' Marija Assunta, Victoria, Għawdex. Kienu ħafna l-Aħwa Kapuċċini li telgħu minn Malta u ħadu sehem fiċ-ċelebrazzjoni tal-quddiesa li mexxieha l-Arċipriet tal-Kattidral, Mons. John Vella Gauci, assistit minn P. Crispin Tabone OFMCap, Ministru Provinċjali.



Filwaqt li nitolbu għal din oħtna Maria biex il-Mulej idaħħalha fil-mistrieħ ta' dejjem, nagħtu l-għomor lil Ħuna Fra Ġużepp u lil ħutu l-oħra Toni, Joe u George, lill-familji tagħhom u l-qraba l-oħra, u nwegħduhom it-talb tagħna. R.I.P.

## P. Silvestru Bonavia lura Malta

Wara erbgħa u għoxrin sena ta' servizz lill-Ordni Kapuċċin barra minn Malta, Ħuna P. Silvestru Bonavia rritorna lura fil-Provinċja fit-18 ta' April 2004. Matul dawn is-snin P. Silvestru ħadem fil-Kurja ta' l-Ordni, f'Ruma, fil-Viċi Provinċja tal-Kenja u fit-Tanzanija. Nhar il-Ħadd, 28 ta' Marzu, l-Arċisqof ta' Songea, Mons. Norbert Mtega, mexxa konċelebrazzjoni b'radd il-ħajr tad-disa' snin ta' ħidma li dan Ħuna wettaq f'Ruhuwiko, fit-Tanzanija. Lil dan Ħuna P. Silvestru, li kien wieħed mill-kontributuri bl-artikli tiegħu f'din ir-rivista, nitolbu għalih u nawgurawlu li jkompli jaħdem għall-Knisja u għall-Ordni anke f'pajjiżna.



## L-64 Kapitlu tal-Provinċja Kapuċċina ta' Malta

Bejn is-17 u l-21 ta' Mejju 2004, l-Aħwa Kapuċċini Maltin huma msejħa biex jieħdu sehem fil-Kapitlu Provinċjali, fejn matulu jitħaddtu fuq diversi suġġetti li jmissu u jinteressaw il-ħajja tal-Patrijiet Kapuċċini Maltin. F'dawn il-laqgħat jiġu wkoll eletti s-Superjuri l-ġodda tal-Provinċja. Inħeġġu lill-qarrejja u lill-ħbieb sabiex jitolbu ħalli l-Ispirtu tal-Mulej imexxi dawn il-laqgħat.



Għal dan il-Kapitlu Ħuna Ivan Scicluna, post-Novizz, ħejja *logo* li juri lill-Ispirtu s-Santu li, kif xtaqu San Franġisk, huwa l-protagonista ta' kull Kapitlu Provinċjali. Huwa għalhekk li ż-żewġ Aħwa Kapuċċini jidhru qed iħarsu 'l fuq lejH. It-tgħanniqa tagħhom turi li fil-Kapitlu l-Aħwa jiddixxernu u jaslu għar-rieda ta' Alla mhux mingħajr xulxin. Il-blata Maltija li fuqha jinsabu turi li Alla jrid jikkomunika magħna mhux fl-ajru iżda fil-konkret ta' l-ambjent tagħna.

## *Coffee Morning* b'riżq il-missjoni

Is-Segretarjat tal-Missjoni tal-Kapuċċini ser jorganizza *Coffee Morning* nhar it-Tlieta, 25 ta' Mejju 2004, f'**The Palace**, Triq Ħal-Tarxien, Raħal Ġdid. Jibda fid-9.00 a.m. Prezz Lm1.25ċ. Kull qligħ imur għall-Missjoni tal-Kapuċċini fil-Kenja. Biljetti minn **The Palace** jew mill-Uffiċċju Missjoni Kapuċċini, Floriana - Tel. 21 233874; 21 225525; 21 234949.

## PUBBLIKAZZJONIJIET ĠODDA

### Meta Ġesù Jieqaf




P. Martin Micallef OFMCap, wara li s-sena l-oħra ppubblika l-ktieb bl-isem "Meta Alla Jiskot!" li jiġbor fih riflessjonijiet bibliċi fuq l-Evanġelju tal-Ħdud tas-Sena A, issa qed jippubblika it-tieni ktieb bl-isem ta' "Meta Ġesù Jieqaf". Din id-darba l-awtur jiġbor rifles-sjonijiet bibliċi dwar l-Evanġelju tal-Ħdud tas-Sena B li matulha l-Knisja xxandar siltiet mill-Evanġelju skond San Mark. Il-ħsieb ta' P. Martin huwa li joffri lill-qarrejja mhux tant omelija iżda riflessjonijiet li jistgħu jitfgħu iżjed dawl fuq is-silta ta' l-Evanġelju tal-Ħadd li jkun.

Jalla din il-pubblikazzjoni tkompli tgħin lil dawk kollha

li għandhom għal qalbhom il-Kelma ta' Alla.

Dan il-ktieb ta' 130 paġna huwa n-numru 89 fis-Sensiela Klabb Qari Nisrani, u huwa produzzjoni tal-*Media Centre*, Blata l-Bajda.




## Teresa

"Teresa" huwa l-isem ta' rivista enċiklopedika ta' spiritwalità li toħroġ kull tliet xhur mill-Familja Karmelitana Terżjana. F'din il-ħarġa, li hija l-ewwel waħda ta' din l-enċiklopedija ta' Spiritwalità, tiġbor fiha artikli ġenerali dwar it-talb miktuba minn kittieba esperti fil-qasam tagħhom. Fost dawn il-kittieba nsibu lil P. William Axiaq OFMCap li jiftaħ din il-kulłana bl-artiklu tiegħu fuq it-talb bħala "Ix-Xenqa fil-Bniedem għal-Laqgħa ma' Alla"

Nawguraw li din ir-rivista tgħin lil min irid jimxi 'l quddiem fil-ħajja b'mod sħiħ u jirrealizza l-pjan ta' Alla għall-ħbiberija fil-qdusija u s-servizz ta' l-aħwa fuq il-passi ta' Santa Tereża ta' Avila, miftuħa kif kienet għal Alla u l-bnedmin, b'fedeltà sħiħa fil-Knisja.

P. Wistin Vella ocd huwa l-koordinatur ta' din l-enċiklopedija li hija produzzjoni *Outlook.coop* u stampata għand *Bonnici's Press*.

## Kliem il-Ħajja




KLIEM IL-ĦAJJA għal Mejju-Awissu 2004 qed joffri lill-qarrejja meditazzjonijiet fuq l-Evanġelju skond San Mattew.

Ħafna studjużi tal-Bibbja jaqblu li dan huwa t-tieni Evanġelju li nkiteb wara dak ta' San Mark. Jidher li San Mattew kiteb wara s-sena 70 W.K., jiġifieri wara l-waqgħa ta' Ġerusalemm u l-qerda tat-Tempju tagħha. Dan l-Evanġelju juża ħafna kwotazzjonijiet mit-Testment il-Qadim biex juri kif dawn seħħew fil-persuna ta' Ġesù li sa mill-ewwel vers isejjaħlu "bin Abraham, bin David". Għal San Mattew Ġesù hu l-Messija mistenni, l-Iben ta' Alla l-ħaj, l-Għimmanu-El.

KLIEM IL-ĦAJJA hija pubblikazzjoni tal-Franġiskani Kapuċċini u P. Donat Spiteri OFMCap huwa d-Direttur Ġenerali. L-issettjar ta' kull paġna huwa b'żewġ kuluri u attraenti ħafna.

L-abbonament għal sena - tliet ħarġiet - huwa ta' Lm1 biss.

L-editur: Fr Martin Micallef OFMCap, Uffiċċju Kliem il-Ħajja, Kunvent tal-Kapuċċini, Floriana VLT 14.

# Ġurnata Missjunarja b'risq il-Missjoni tal-Kapuċċini Maltin



Nhar il-Ħadd, 30 ta' Mejju 2004, hija l-Festa ta' Pentekoste li tfakkar l-inżul ta' l-Ispirtu s-Santu fuq l-Appostli u l-ewwel evanġelizzazzjoni li saret bil-qawwa tiegħu.

Bħal fl-Imgħoddi, din is-sena wkoll se tinżamm il-Ġurnata Missjunarja fil-Provinċja tagħna b'risq il-Missjonijiet Kapuċċini. L-għan ewlieni ta' din l-okkażjoni huwa dejjem li nħeġġu lill-ħbieb, benefatturi, membri ta' l-O.F.S. u lil kulħadd sabiex jingħaqad magħna fit-talb u l-quddies, sagrifiċċji u għajnuna, bħala solidarjetà lejn il-Missjunarji Kapuċċini Maltin u Kenjani, Sorijiet u Voluntieri Lajċi li qed jaħdmu hemm.

Għaldaqstant, fil-knisja tal-Franġiskani Kapuċċini tal-Floriana, ser tinżamm quddiesa kkonċelebrata fis-6.30 p.m. b'radd ta' ħajr lil Alla għal kull għajnuna li qed jagħtina.

Nistiednu għalhekk lill-ħbieb u lill-benefatturi tal-missjoni biex jiġu jaqsmu magħna l-ferħ ta' din l-okkażjoni.

*Jeanette Falzon*

# Tħallix għal għada

Rakela ħarset fil-mera u dak li rat għal darb'oħra m'għoġobha xejn. Imbagħad ħarset lejn idha u belgħat il-pillola ċkejkna li kellha fiha.

Din ix-xena kienet ilha tagħmilha għal ftit aktar minn sena, sigriet li kienet tgħożż ġo fiha, sigriet li kien jgħinha tinsa u tfarraġ 'l ommha u 'l missierha. Il-mewt ta' Daniel kienet xi ħaġa tant trawmatizzanti li l-familja li ħalla warajh bdiet titkisser ftit ftit. Xi tazza żejda ta' alkoħol jew xi pillola kienu jgħinuha dderri u tirreżisti f'dik id-dar.

Hekk kif nadfet kamritha, niżlet fejn ommha biex tgħinha iżda bħas-soltu sabitha tibki hi u taħsel il-platti. Fl-art kien hemm platt imkisser u xi ikel imferrex fl-art. Missierha ma kienx hemm għalkemm ftit qabel semgħet leħnu jgħajjat.

"X'ġara mà, reġa'?" staqsietha hi u tnaddaf l-art.

"Qal li qabbisthielu nsajjar dejjem għaġin il-form u għax il-ħin kollu nibki quddiemu, speċjalment. Daniel nhar ta' Ġimgħa dejjem għaġin il-forn kien ikun irid" qaltilha hi u tolfoq.

"Issa nsajjarlu xi ħaġa jien lill-pà. Mur strieħ inti ħalli tikkalma... żgur ma riedx jgħajjat miegħek... ġie għajjien ħafna mix-xogħol u weħilt int miegħu. Daqshekk biss, tinkwetax iżjed" weġbitha Rakela u kompliet taħsel il-platti li kien baqa'.

"Jaħseb li hu biss xeba' jgħix f'din l-ħajja. Kieku qatt jiġi miegħi fuq il-qabar ta' ħuk. Jippreferi joqgħod jisma' d-diski magħluq hemm ġew" qalet il-mara b'wiċċha mixrub bid-dmugħ.

"Mà, hu wkoll qed ibati bħalna imma ma jurix xi jħoss bħalek ... suppost tafu iktar minni inti. Ħajjitna trid tkompli għaddejja, mà ... tibqax issajjar dejjem għaġin bħal-lum, u l-kamra ta' Daniel wasal iż-żmien biex titbattal, almenu minn ħwejġu. Intlaqt wisq, lanqas xagħrek m'għadek tiżbogħ, iżda tibki u ssajjar biss għadek" qaltilha bil-mod, Rakela.

"Naf, naf li ma nistax nibqa' sejra hekk ... imma ġieli nħoss li Daniel għad irid jerġa' jiġi lura għandi. Ma nistax nemmen li mietli. Ma kinetx karozza li tajtu biex imur jixtrili pakkett sigaretti!" qaltilha hi u tħares ċass fil-vojt.

"Hekk kellu jkun, mà. Dak kien id-destin tiegħu. Mhux waħdek tliftu lil Daniel" weġbitha bintha. Iżda hi u tgħid dan il-kliem lanqas hi ma setgħet temmen dak li kienet qiegħda tgħid.

"Sew qed tgħid ... ara ħa nsajjarlu naqra laħam lil missierek, u għada ngħid lil sieħeb Daniel jiġi u jieħu l-ħwejjeġ ta' Daniel biex forsi jagħtihom lil xi istitut" weġbitha l-omm; u qamet issajjar. Dejjem hekk kienet tagħmel: tibki, tolfoq, tiġi f'tagħha hekk kif tkellimha bintha, imbagħad l-għada kienet terġa' taqa' għal li kienet.



Rakela rrassenjat ruħha għall-fatt li ommha qatt ma kienet ser tiġi f'tagħha u dderri ftit. Għalhekk ma kienet tafdaha mkien weħidha. Bdiet toħroġ mid-dar biex tmur l-università biss jew biex tixtri l-kalmanti għaliha u għal ommha.

Dik id-dar kienet saret qisha funeral kontinwu, santwarju ta' Daniel, kullimkien ritratti tiegħu u xemgħat. Dik id-dar fejn trabbew iż-żewġt aħwa inseparabbli kienet saret post ta' dmugħ u frustrazzjoni.

L-għada li Rakela kienet tkellmet m'ommha fuq Daniel ġie Samwel, ħabib kbir ta' Daniel biex jagħżel il-ħwejjeġ għall-missjoni. Kif ratu fil-bieb, omm Rakela infaqgħet tibki u b'dispjaċir tellgħatu fil-kamra ta' Daniel, kamra nadifa pupilla, bi gwardarobba mimlija ħwejjeġ u turrun kotba fuq l-iskrivanija. L-omm ħarġet mill-kamra tibki u ħalliet lil Sanwel u lil bintha fil-kamra.

"Ġejt ħin ħażin naħseb, skużawni" qal il-guvni mbarazzat.

"Tinkwetax, ommi normali li tkun hekk. Nibdew naraw x'baqa' tajjeb?" weġbitu Rakela b'ton rassenjat.

Il-ġuvni ħares lejn oħt l-akbar ħabib tiegħu u tħassaraha. Kien raha darbtejn biss qabel dak inhar, meta ħarġet magħhom u ma' ħuha. Fil-funeral ta' Daniel kien baqa' impressjonat b'kemm kienet baqgħet wieqfa u soda. X'kuraġġ uriet!

Huma u jqallbu fil-ħwejjeġ ta' Daniel, it-tnejn bdew jitkellmu fuq kemm kien ferrieħi Daniel, fuq kemm kien bil-għaqal, jidħaq u jdaħħaq, moħħ ir-riħ u jibża' għall-familja. Hi u tiftakar beda nieżel id-dmugħ fuq ħaddejha bla ma riedet. Kienet l-ewwel darba li tkellmet dwar ħuha ma' xi ħadd, barra ommha, wara l-mewt ta' Daniel. Skużat ruħha ma' Samwel u ħarġet mill-kamra għal ġol-kamra tagħha.

Ħarset lejn il-mera u bdiet iżżomm id-dmugħ. Fetħet kexxun minn ġot-twaletta, sabet il-flixkun tal-kalmanti u belgħet iktar minn tnejn.

"M'għandux jerġa' jiġrili hekk. Jekk inċedi jien, iċċedi

ommi wkoll. Irrid naħseb fiha issa, lili biss baqgħalha" qalet hi u tħares lejn il-mera. Hekk kif kienet ser tibla' tnejn oħra daħal Samwel għalgħarrieda f'kamritha u neħħielha l-flixkun minn idha.

"X'taħseb li ser issolvi b'dawn, għid? Taħseb li ser iġġibu lura lil ħuk b'dawn jew li ser ittaffi d-dwejjaq t'ommok u l-indifferenza ta' missierek? B'dawn ser iġġib iżjed problemi fuqkom" qalilha rrabjat.

"Tindaħalx, fhimt? Int ma taf xejn fuqna, fuq x'qegħdin inħossu. Ma tafx x'infern hawn hawn ġew" qaltlu x'ħin reġgħet sabet leħinha.

"Dawn drogi saru għalik. Trid tgħin lil ommok u lil missierek meta inti l-iktar li għandek bżonn għajnuna ladarba diġà qed tiddependi fuq dawn" qalilha iktar irrabjat.

"Allaħares ma kinux huma, kieku ġġennint jien ukoll" weġbitu u poġġiet bilqiegħda fuq is-sodda għax saqajha ma felħuhiex iżjed.

"Qum fuq tiegħek Rakela, sfoga kemm tiflaħ u tara kif tħossok aħjar. Tibqax tiġma' ġo fik" qalilha iktar kalm.

"Samwel, jekk nisfoga jien ukoll hawn ġew ġenn sħiħ ikun hawn. Ma nistax inlaħħaq waħdi ma' dan id-dwejjaq kollu" qalet it-tfajla tibki; u Samwel għannaqha miegħu. L-aħħar persuna li kienet għannqitha kien proprju ħuha, ftit qabel ma ħareġ jaqdi 'l ommu qabel ma miet. Strieħet, hi u tagħfas lil Samwel magħha daqs li kieku kienet qed tgħannaq lil ħuha. Ħassitha bħal li kieku qamet minn raqda twila.



"Għandi bżonn l-għajnuna, inkella nerġa' naqa' għalihom" qalet it-tfajla b'għajnejha għajjenin mill-biki.

"Jekk trid, jien lest li ngħinek. Sentejn ilu tlift 'l ommi. Issa sibt ħabiba lil min ngħin. Naf xi jfisser dwejjaq għal telfa ta' persuna li tħobb" weġibha mistħi.

"Tassew? Daniel qatt ma qal xejn dwar ommok. Jiddispjaċini talli kellimtek hekk l-ewwel. Tista' tiġi miegħi għand *counsellor*? Waħdi ma mmurx għax nistħi. Wara li mmur għandha jien, nieħu 'l ommi u 'l missieri wkoll" qaltlu.

"Nieħdok illum stess. Jien kont mort għand wieħed wara li tlift 'l ommi, ikun qisu ħabib magħkom. Immorru llum, tħallix għal għada; għadda diġà wisq żmien" weġibha, u dak inhar stess żamm il-wegħda li għamlilha.

Hekk kif ġiet lura minn ma' Samwel, Rakela daħlet fil-kċina fejn kien hemm ommha u, mingħajr ma kellmitha, għannqitha. Baqgħet tagħfasha sakemm ma semgħatha tolfoq.

"Insejt xi tfisser tgħanniqa ... kemm ili ma nħaddnek ftit miegħi ... kont qisni nsejt li baqagħli lilek xi nħobb u nieħu ħsieb" qaltilha ommha.

"Għandna bżonn l-għajnuna mà. Weħidna ma jirnexxilniex infiqu u nkomplu ngħixu ħajjitna. Daniel żgur iridna nkomplu ngħixu ħajjitna avolja mingħajru" qalet Rakela. Iktar tard, missierha daħal fil-kċina u, x'ħin sabhom jitkellmu fil-kwiet u jitbissmu xi naqra, qalilhom: "Hemm xi raġuni għalxiex għandna nidħqu?"

"*Happy Birthday*, pà! L-ikel lest u ġej Samwel bil-kejk minn hawn u ftit ieħor" weġbitu, u taret għal fuqu biex tgħannqu. Qalbu ħassha tinħall avolja ma kienx imdorri bis-sentimentaliżmu.

"Ftakart f'għeluq żmieni din id-darba! Is-soltu dejjem tinsa" qalilha u ħares lejn martu.

"John, din mgħadhiex ħajja li qed ngħixu. Daniel ħalla vojt kbir f'ħajjitna iżda aħna baqgħalna 'l xulxin x'nieħdu ħsieb" qaltlu bi tbissima.

"Li tgħiduli nagħmel ... lest li nagħmel minn kollox biex nerġgħu niġu familja" weġibha.

Bdew imorru għand *counsellor* u ftit ftit bdew jitgħallmu jitkellmu fuq Daniel bla ma jibku l-ħin kollu. Il-kamra ta' Daniel ħallewha kif kienet iżda Rakela ħadet is-*CD player* ta' ħuha u missierha ħa l-kitarra ta' ibnu. Kif kien mistenni, Rakela bdiet toħroġ ma' Samwel u ommha bdiet toħroġ ftit ma' ħabiba mit-triq tagħhom.

Dak inhar li Samwel u Rakela ggradwaw, Samwel dar fuq Rakela, li kienet qed titkellem ma' ommha, missierha u missieru, u qalilha: "Tiżżewwiġni Rakela?" It-tfajla ħarset lejh imbellha u ħamra nirien, imbagħad, fost id-daħq tal-ġenituri tagħha u missieru, weġbitu: "Illum qabel għada! Issa la staqsejtni tħallix għal għada biex nibdew nippreparaw. X'taħseb?" ❑

# TISLIBA 44

minn P. Wistin ATTARD ofm cap



**RIŻULTAT TAT-TISLIBA TA' APRIL:**
*1. u 19. Saffrulek; 2. Eżilju; 3. Qasmu; 4. Ittri; 5. Daħk; 6. Kajin; 7. Ażżma; 8. Traba; 9. Fil; 10. Mirakli; 11. u 12. Suldat; 13. Allarm; 14. Balak; 15. Artal; 16. Bnejt; 17. Bdiewa; 18. Amurrin; 19. Ara 1; 20. Lud; 21. Areta; 22. Jaraw.*

Ir-Rebbieħa ta' dan ix-xahar hija: MARIA MAMO - Floriana

1. Minn dan tal-qalbenin. (2 Sam 1, 22) (5)
2. Kull min jagħraf lil din. (2 Ġw 1) (5)
3. ... li s-sabar. (Ġak 1, 4) (5)
4. B'kull ... ta' barka. (Efes 1, 3) (5)
5. Għanja ta' hekk. (Għam 5, 1) (4)
6. Ħu Nemwel u Abiram. (Num 26, 9) (5)
7. Ix-xbihat ta' din. (Is 27, 9) (5)
8. Il-qassis il-kbir. (1 Mak 12, 7) (5)
9. Omm Ħeżekija. (2 Slat 18, 2) (3)
10. Kienet ta' Salamun. (Għan 3,7) (7)
11. u 12. Mija u ... ruħ. (Neħ 5, 17) (6)
13. Hekk jagħmel lill-ħażen. (Rum 11, 26) (6)
14. Pawlu jsejħilha oħtna. (Film 2) (5)
15. Inti qiegħed *issofri.* (Lq 16, 25) (5)
16. Għall-ġid tiegħek .... (Rt 3, 1) (5)
17. Minn hawn ġie Sidi. (Salm 68, 18)
18. u 20. Biex taħtar lil dawn. (Tit 1, 5) (10)
19. Jekk dan jgħid. (Mal 1, 4) (4)
20. Ara 18.
21. Jeqred u .... (Sir 49, 7) (5)
22. Qabdu magħna l-hemm u din. (Bar 1, 20) (5)

*Ir-rebbieħ jingħata ktieb sabiħ. Dan jittella' bix-xorti mit-tislibiet tajba li jaslu mhux aktar tard mill-ħmistax tax-xahar. Ibagħtu s-soluzzjoni tagħkom f'dan l-indirizz: Tisliba Dawl Franġiskan, Kunvent tal-Kapuċċini, Floriana - VLT 14*

# Rokna għat-Tfal

**Tfal, din hi rokna għalikom. Hawn għandkom ġrajja fil-qosor mill-Bibbja. Intom tridu taqraw is-silta kollha mill-Bibbja skond kif għandkom immarkat, u tirrispondu għall-mistoqsijiet li għandkom taħt dan il-qari.**

Meta telqu l-maġi, deher anġlu lil Ġużeppi u qallu jaħrab f'art oħra flimkien mat-tifel u ommu minħabba Erodi. Ġużeppi hekk għamel u qagħad f'din l-art żmien sew. Erodi, meta ra li daħqu bih, bagħat joqtol lis-subien żgħar kollha ta' dawk l-inħawi biex, mingħalih, joqtol ukoll lil Ġesù. Wara żmien Erodi miet u Ġużeppi raġa' lura Israel. Imma qagħad f'belt oħra, mhux f'dik li fiha kien qabel ħarab.

***(Aqraw: Mt 2, 13-23, jiġifieri l-Evanġelju skond San Mattew, kapitlu 2, versi minn 13 sa 23).***

**Mistoqsijiet:**
- 1. F'hiex deher iżjed minn darba l-anġlu lil Ġużeppi?
- 2. Fejn qallu jaħrab?
- 3. Għaliex qallu jaħrab minn Erodi?
- 4. Sakemm dam f'dik l-art Ġużeppi?
- 5. Sa liema età kienu t-tfal li bagħat joqtol?
- 6. Għaliex mar f'belt oħra u x'jisimha din il-belt?

***Ir-Rebbieħa ta' dan ix-xahar hija: Christabelle Azzopardi Marsalforn***



Mit-tweġibiet tajba li jaslulna mingħandkom, intellgħu waħda u r-rebbieħ jingħata rigal sabiħ mil-**Librerija Preca** (Tal-Museum) tal-Blata l-Bajda.
Indirizzaw it-tweġiba tagħkom hekk:
ROKNA GĦAT-TFAL
P. Joe Alessandro
Kunvent tal-Kapuċċini, Floriana VLT 14



# Il-41 Jum Dinji ta' Vokazzjonijiet 2 ta' Mejju 2004

## Siltiet mill-messaġġ tal-Papa Ġwanni Pawlu II

***"Itolbu mela lil Sid il-ħsad biex jibgħat ħaddiema għall-ħsad tiegħu" (Lq 10, 2).***

Fl-okkażjoni tal-41 Jum Dinji ta' talb għall-vokazzjonijiet, li soltu jsir fir-raba' Ħadd tal-Għid, l-insara kollha jingħaqdu flimkien fit-talb imħeġġeġ għall-vokazzjonijiet għas-saċerdozju, għall-ħajja kkonsagrata u dik ta' qadi missjunarju. Huwa l-ewwel dmir tagħna li nitolbu lil "Sid il-Ħsad" għal dawk li diġà qegħdin mexjin mill-qrib wara Ġesù fil-ħajja saċerdotali u fil-ħajja kkonsagrata, u għal dawk li Hu, fil-ħniena tiegħu, ma jiqafx isejjaħ għal xogħlijiet importanti fil-Knisja.

### Nitolbu għall-Vokazzjonijiet

Bil-ferħ kollu ngħidilkom li f'ħafna Knejjes partikulari qegħdin jitwaqqfu ċenakli ta' talb għall-vokazzjonijiet. Dan qiegħed jiġri fis-seminarji tal-kbar u fid-djar ta' formazzjoni ta' l-istituti reliġjużi u missjunarji. Ħafna familji qegħdin isiru komunitajiet żgħar ta' talb u jgħinu liż-żgħażagħ biex iwieġbu bil-kuraġġ u bil-qalb għas-sejħa ta' l-Imgħallem Divin.

Iċ-ċentru tat-talb kollu li jsir hija l-Ewkaristija. Is-sagrament ta' l-Altar għandu importanza kbira għat-twelid tal-vokazzjonijiet, għall-perseveranza tagħhom għaliex mis-sagrifiċċju tal-fidwa li ġabilna Kristu, l-imsejħin isibu l-qawwa li għandhom bżonn biex jiddedikaw ħajjithom kollha biex ixandru l-Evanġelju.

Maċ-ċelebrazzjoni Ewkaristika rridu nżidu l-adorazzjoni tas-Santissmu Sagrament, u b'hekk aħna ntawlu, b'xi mod, il-misteru tal-Quddiesa. Meta jkun ikkontemplat Kristu, preżenti realment u sostanzjalment taħt l-ispeċi tal-ħobż u ta' l-inbid, dak li hu msejjaħ għas-saċerdozju jew għal xi missjoni partikulari fil-Knisja jħoss fih l-istess entużjażmu li ġagħal lil Pietru fuq il-muntanja tat-Trasfigurazzjoni jgħid: "Mulej, kemm hu sew li aħna hawn" (Mt 17, 4).

### It-talb ta' l-imsejħin

Barra minn hekk, it-talba ta' dawk li huma msejħin, saċerdoti u persuni kkonsagrati, għandha valur aqwa għaliex hija mdaħħla fit-talba saċerdotali ta' Kristu. Fihom huwa jitlob lill-Missier biex iqaddes u jżomm fl-imħabba tiegħu lil dawk li, għalkemm huma fid-dinja, huma mhumiex tad-dinja (ara Ġwanni 17, 14-16).

Mulej ħanin u qaddis, kompli ibgħat ħaddiiema ġodda għall-ħsad tas-Saltna tiegħek. Għin lil dawk li ssejjaħ biex jimxu warajk fiż-żmenijiet tagħna; agħmel li meta jikkontemplaw il-wiċċ tiegħek, iwieġbu bil-ferħ għall-missjoni nobbli li inti tafdalhom f'idejhom għall-ġid tal-poplu tiegħek u għall-bnedmin kollha. Inti li Inti Alla u tgħix u ssaltan flimkien mal-Missier u ma' l-Ispirtu s-Santu għal dejjem ta' dejjem. Amen. ❑



# Għin lill-Knisja u lill-Ordni Franġiskan Kapuċċini fil-Kenja billi tagħmel

# BOROŻ TA' STUDJU

**BORŻA TA' STUDJU** hija offerta ġeneruża ta' Lm250 li tmur għall-ispejjeż tas-seminaristi Kenjani tagħna kollha li qegħdin iħejju lilhom infushom biex isiru reliġjużi u saċerdoti Kapuċċini.
Din tista' tingħata jew minn persuna waħda jew minn diversi benefatturi li jingħaqdu flimkien. Tista' tingħata anki ftit ftit.
Min jagħmel din l-offerta jkollu sehem kbir fil-ħajja reliġjuża u saċerdotali tal-Kapuċċini Kenjani.

*Għal aktar tagħrif ikkuntattja lil*
*Fr. Joe Alessandro,*
*Uffiċċju Missjoni Kapuċċini,*
*Floriana*
*Tel: 2123 3874,*
*2123 4949,*
*2122 5525.*

